**A.L. _____ tal-2023**

**ATT DWAR IR-REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA (KAP. 545)**

**Regolamenti tal-2023 dwar il-Konnessjoni u l-Provvista tal-Elettriku**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 37 tal-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, il-Ministru responsabbli għas-servizzi tal-enerġija u l-ilma, wara konsultazzjoni mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

**1.** (1) It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 dwar il-Konnessjoni u l-Provvista tal-Elettriku.

(2) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu r-regoli u l-kundizzjonijiet għall-konnessjoni tal-klijenti mas-sistema ta’ distribuzzjoni għall-ġenerazzjoni tal-elettriku, l-importazzjoni u, jew l-esportazzjoni tal-elettriku minn jew lejn in-netwerk u l-provvista tal-elettriku lill-klijenti finali.

Tifsir.

**2.** F’dawn ir-regolamenti,kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort’oħra:

"applikant" tfisser persuna li tissottometti applikazzjoni lill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni;

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni sottomessa lill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni kif jista’ jkun meħtieġ minn żmien għal żmien għal servizzi pprovduti mill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, inkluż għal dawk stipulati fir-regolament 5(4);

"art tas-*substation*" tfisser l-area li fuqha tinbena *substation* jew iż-żona li ġiet identifikata sabiex fuqha tinbena *substation*;

Kap. 545.

"Att" tfisser l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma;

" *bulk network connection*" " tfisser konnessjoni man-netwerk *three phase* li taqbeż is-60Amps għal kull phase, ipprovduta permezz ta' miter wieħed (1);

"CHP jew koġenerazzjoni" tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed (1) ta' enerġija termali u enerġija elettrika jew mekkanika;

"domanda massima li ssir fi kwalunkwe perjodu" tfisser id-doppju tal-akbar numru ta' units li jiġu fornuti matul kwalunkwe tletin (30) minuta konsekuttiva matul is-sena jew, jew kwart tas-sena, skont il-każ, kif reġistrati mill-indikatur tad-domanda massima tal-miter li jkun ġie nstallat f'dak il-fond mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni:

Iżda:

(a) fejn is-siġill tal-indikatur tad-domanda massima tal-miter jinstab imkisser jew imbagħbas, l-indikatur għandu jitqies b'mod konklużiv li rreġistra l-ogħla domanda f'kW jew f'kVA, skont it-tariffa applikabbli, li l-miter ikun kapaċi jirreġistra; jew

(b) fejn l-indikatur tad-domanda massima jew reġistru tal-miter jinstab li jkun difettuż, għal raġunijiet oħra minbarra xi ksur jew tbagħbis, id-domanda massima fornuta fi kwalunkwe perjodu matul l-aħħar sena preċedenti jew, skont il-każ, matul l-aħħar trimestru korrispondenti preċedenti, għandha, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor bejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u l-klijent, tapplika għas-sena jew, skont il-każ, għat-trimestru li fir-rigward tiegħu dak l-indikatur jew reġistru jinstab li jkun difettuż, sakemm l-indikatur jew ir-reġistru jissewwa jew jinbidel mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni:

Iżda wkoll bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti u għall-finijiet ta' din it-tifsira biss, "sena" tfisser perjodu ta' madwar tnax (12)-il xahar konsekuttiv li jintemm f'dik il-ġurnata mhux qabel l-24 ta' Marzu u mhux aktar tard mis-7 ta' April meta jkun ittieħed il-qari;

"EN 50549" tfisser l-istandard Ewropew li jkopri r-rekwiżiti għall-impjanti ta' ġenerazzjoni li huma konnessi b'mod parallel man-netwerk ta' distribuzzjoni;

"fond" tfisser kwalunkwe sit, żona, art, żvilupp, bini, struttura, unità ta' bini, unità waħda ta' bini, djar istituzzjonali, vettura, installazzjoni u, jew apparat, li jistgħu jiġu konnessi man-netwerk permezz ta' konnessjoni separata man-netwerk għall-finijiet tal-

importazzjoni u, jew l-esportazzjoni tal-elettriku, u tinkludi, mingħajr limitazzjoni kwalunkwe fond residenzjali, fond domestiku u fond mhux residenzjali;

"fond domestiku" tfisser fond li jinkludi abitazzjonijiet privati mingħajr persuni rreġistrati mal-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni bħala residenti fihom, bħar-residenza sekondarja, jew garaxxijiet privati, u żoni komuni inklużi soqfa, taraġ, terrazzi u ġonna li jintużaw biss għal abitazzjonijiet privati;

"fond mhux residenzjali" tfisser kwalunkwe fond li jista’ jiġi pprovdut b’konnessjoni man-netwerk u li mhuwiex fond domestiku jew fond residenzjali;

"fond residenzjali" tfisser kwalunkwe fond użat biss u regolarment bħala abitazzjoni privata fejn mill-inqas persuna waħda (1) tkun irreġistrata mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bħala residenti fih, iżda ma tinkludix djar istituzzjonali;

Kap. 16.

"Ftehim ta’ kommodat" tfisser self gratwit għall-użu, għal żmien jew skop speċifikat, soġġett għall-obbligu ta’ min jissellef li jirrestawra l-ħaġa nnifisha kif regolata mill-ftehim rilevanti u mill-Kodiċi Ċivili;

"Ftehim tal-Aġenzija" tfisser kuntratt li bih l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni jaħtar aġent sabiex jipprovdi servizzi b’rabta ma’ post jew fond speċifiku, kif speċifikat f’dawn ir-regolamenti u fil-kuntratt rilevanti, għal u f’isem l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni;

L.S. 545.34.

"ġeneratur" tfisser persuna jew korp li jiġġenera l-elettriku taħt liċenzja jew eżenzjoni jew mod ieħor, skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku;

L.S. 545.24.

"installazzjoni elettrika" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi;

"installazzjoni temporanja" tfisser installazzjoni elettrika li mhijiex ta’ natura permanenti u li tista’ tinkludi iżda mhijiex limitata għal dwal dekorattivi tat-toroq, faċilitajiet pubbliċi ta’ divertiment, unitajiet mobbli fuq barra, krejnijiet u kwalunkwe sit ta’ kostruzzjoni;

L.S. 545.34.

"Kodiċi tan-netwerk" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-regolament 29 tar-Regolamenti dwar l-Elettriku;

"konnessjoni" jew "konnessjoni man-netwerk" tfisser il-konnessjoni ta' klijent man-netwerk ta' distribuzzjoni għall-finijiet tal-importazzjoni tal-elettriku minn u, jew l-esportazzjoni tal-elettriku lejn in-netwerk ta' distribuzzjoni u, jew il-konnessjoni ta' installazzjoni temporanja:

Iżda klijent jista' jkun rreġistrat mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fir-rigward ta' aktar minn konnessjoni waħda (1) man-netwerk ta' distribuzzjoni;

Iżda wkoll kull fond jew installazzjoni temporanja jista' jkollha konnessjoni waħda biss man-netwerk ta' distribuzzjoni;

"konnessjoni standard man-netwerk" tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) konnessjonijiet man-netwerk *single phase* ta' 40 Amps;

(b) konnessjonijiet man-netwerk *three phase* ta' 40 Amps għal kull *phase*; u

(ċ) konnessjonijiet man-netwerk *three phase* ta' 60 Amps għal kull phase;

"klijent" tfisser kwalunkwe persuna konnessa jew intitolata li tkun konnessa man-netwerk mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u li timporta l-elettriku minn u, jew tesporta l-elettriku lejn in-netwerk ta' distribuzzjoni;

"konsum matul il-lejl" tfisser konsum tal-elettriku reġistrat bejn l--22.00 ta' jum u s-06.00 tal-ġurnata ta' wara;

"konsum matul il-jum" tfisser konsum tal-elettriku reġistrat bejn is-06:00 u l-22:00 tal-istess jum;

"Kontribuzzjoni HV" tfisser dritt ta' kontribuzzjoni lejn l-ispejjeż tal-kapaċità kVA b'vultaġġ għoli jew medju;

"kV" tfisser kilo Volt;

"kVA" tfisser kilo Volt Ampere;

"kVAh" tfisser kilo Volt Ampere siegħa;

"kW" tfisser kilo Watt;

"kWh" tfisser kilo Watt siegħa;

"miter" tfisser il-miter tal-elettriku u kwalunkwe tagħmir ieħor assoċjat u l-wajers ipprovduti u installati, jew approvati, mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sabiex jirreġistra l-elettriku ġġenerat u, jew importat u, jew esportat minn klijent u, fejn applikabbli, id-domanda massima fil-fond rilevanti jew fl-installazzjoni temporanja;

"miter tal-EV" tfisser miter tal-elettriku installat jew approvat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-iskop li jkejjel il-konsum tal-elettriku għall-iċċarġjar ta' EV;

"netwerk" tfisser is-sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku;

L.S. 545.34.

"operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Elettriku u kwalunkwe funzjoni li għandha tiġi eżegwita, deċiżjoni li għandha tittieħed u, jew diskrezzjoni li għandha tiġi eżerċitata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skond dawn ir-regolamenti, għandha tiġi eżegwita, meħuda u, jew eżerċitata, skond il-każ, minn dik il-persuna jew dawk il-persuni li l-bord tad-diretturi tal- operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jawtorizza għal dak l-iskop jew skopijiet, u skond dawk it-termini u kundizzjonijiet li l-imsemmi bord tad-diretturi jidhirlu xierqa. Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, referenza għall-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandha tiġi interpretata wkoll, fejn meħtieġ, bħala referenza għal kwalunkwe sussidjarja jew kumpanija assoċjata tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, jew għal kwalunkwe entità oħra, kif hekk deskritta , debitament awtorizzata bil-miktub mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sabiex twettaq kwalunkwe mill-funzjonijiet li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jwettaq skont dawn ir-regolamenti inkluż, mingħajr limitazzjoni, fornitur ta' servizz u, jew aġent li jaġixxi skont Ftehim tal-aġenzija, f'kull każ fir-rigward tal-funzjonijiet rilevanti tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;

L.S. 545.24.

"provditur awtorizzat" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi;

"punt ta' konnessjoni b'vultaġġ baxx adatt" tfisser punt ta' konnessjoni eżistenti fuq in-netwerk ta' vultaġġ baxx minn fejn l-estensjonijiet jistgħu jiġu konnessi bl-użu tal-materjali standard użati mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u li hija l-konnessjoni teknikament aċċettabbli bl-inqas spiża, fejn possibbli, li jissodisfa r-rekwiżiti tal-kodiċi tan-netwerk;

"qari" tfisser qari tal-elettriku ġġenerat, importat minn, jew esportat lejn in-network u rreġistrat minn miter, minn persuna awtorizzata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sabiex twettaq l-imsemmi qari, jew permezz ta' mekkaniżmu ta' qari mill-bogħod, jew bil-mod indikat fil-proviso għar-regolament 22(16);

"qari speċjali tal-miters" tfisser miter reading li jsir fuq talba tal-klijent;

"Regolatur" tfisser ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma stabbilit bl-artikolu 3 tal-Att;

"RES" tfisser l-enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, jiġifieri l-enerġija mir-riħ, mix-xemx (solari termali u solari fotovoltajka) u l-enerġija ġeotermali, l-enerġija ambjentali, il-marea, il-mewġ u enerġija oħra mill-oċeani, l-idroenerġija, il-bijomassa, il-gass mill-miżbla, il-gass mill-impjanti tat-trattament tad-drenaġġ u l-bijogass;

"residenza prinċipali" tfisser ir-residenza immobbli f'Malta li fiha individwu jkun jirrisjedi abitwalment mal-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni kif ikun jista' jiġi stabbilit permezz ta'evidenza dokumentarja:

Iżda ir-residenza immobbli ma għandhiex titqies bħala residenza prinċipali jekk il-proprjetà tiġi wżata b'mod predominanti wkoll għal skopijiet kummerċjali jew ta' manifattura jew għal kull tip ta' sengħa jew professjoni;

"residenza sekondarja" tfisser kwalunkwe proprjetà immobbli wżata biss għall-skopijiet residenzjali, minbarra dak li sservi bħala r-residenza prinċipali tal-individwu;

"smart miter" tfisser miter tal-elettriku avvanzat li jaħżen data dwar il-konsum u l-esportazzjoni tal-elettriku li jkun jippermetti trasferiment reċiproku ta' data permezz ta' network primarjament għal fininijiet ta' monitoraġġ u ta' ħruġ ta' kontijiet;

"*substation*" tfisser għeluq li jkun fih l-imsemmitagħmir u, jew apparat għat-trasformazzjoni jew il-konverżjoni tal-enerġija għal jew minn vultaġġ għoli għal vultaġġ baxx, jew viċe versa, jew għall-iswiċċjar, il-kontroll jew ir-regolamentazzjoni tal-enerġija b'vultaġġ għoli, u tinkludi t-tagħmir u l-apparat li hemm fiha;

"*substation* adattata" tfisser *substation* mhux dedikata eżistenti fejn il-load massima tas-*substation* fil-ħin tal-applikazzjoni inkluż il-load addizzjonali ma teċċedix l-ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tar-*rating* tat-transformer, sakemm it-transformer ma jistax jiġi sostitwit b'wieħed ta' *rating* akbar;

"stazzjon tal-iċċarġjar pubbliku" tfisser għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, stazzjon tal-iċċarġjar tal-EV li jinsab fi triq pubblika jew spazju pubbliku fejn id-domanda hija relatata biss mal-iċċarġjar tal-EV;

"tul tar-rotta" tfisser meta qed tirreferi għal estensjoni permezz ta' *overhead lines* jew kejbil taħt l-art, id-distanza orizzontali bejn l-eqreb punt ta' konnessjoni b'vultagg baxx adatt jew *substation* adattata, skond il-każ, sal-kaxxa tal-miter tul il-kejbil u, jew *overhead line* minn ġo triq jew passaġġ aċċessibbli għall-pubbliku;

"djar istituzzjonali" għandha tinkludi l-binjiet li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa bħal bini wżat bħala sptar, dar tal-kura jew kwalunkwe istituzzjoni li tipprovdi kura medika jew ta' infermerija;

(b) istituzzjonijiet għal persuni rtirati, anzjani jew b'diżabbiltà, inkluż bini wżat bħala dar għall-persuni rtirati jew anzjani jew persuni bi kwalunkwe diżabbiltà;

(ċ) istituzzjonijiet edukattivi inkluż bini wżat bħala skola fejn jiġu alloġġati studenti jew għal skopijiet simili;

(d) istituzzjonijiet tal-kura inkluż bini wżat bħala orfanatrofji, djar ta' kenn, ċentri miftuħa għar-refuġjati jew għal skopijiet simili;

(e) istituzzjonijiet reliġjużi inkluż bini wżat bħala kunventi, djar tal-irtiri jew għal skopijiet simili;

(f) istituzzjonijiet militari bħal barracks militari; u

(g) istituzzjonijiet oħra inkluż bini wżat bħala djar ta'alloġġament, faċilitajiet penali jew korrettivi jew għal skopijiet simili;

"unità ta' bini" tfisser bini jew parti minn bini, sezzjoni, sular jew appartament f'bini li huwa ddisinjat jew mibdul biex jintuża separatament u li għandu konnessjoni separata man-netwerk;

"unità waħda ta' bini" tfisser fond li jikkonsisti f'bini jew struttura sħiħa li jkollhom konnessjoni waħda man-netwerk, minbarra kwalunkwe konnessjoni oħra man-netwerk għall-esportazzjoni tal-elettriku;

L.S. 545.38.

"vettura elettrika" jew "EV" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Infrastruttura għall-iċċarġjar tal-Vetturi Elettriċi Aċċessibbli għall-pubbliku;

"vultaġġ baxx" jew "LV" tfisser vultaġġ ta' valur RMS nominali ta' 1kV jew inqas fir-rigward ta' kurrent alternanti bejn kwalunkwe konduttur;

"vultaġġ għoli" jew "HV" tfisser vultaġġ ta' valur nominali ta' RMS akbar minn 33kV fir-rigward ta' kurrent alternanti bejn kwalunkwe konduttur;

"vultaġġ medju" jew "MV" tfisser vultaġġ ta' valur nominali tal-RMS ta' aktar minn 1kV sa 33kV fir-rigward ta' kurrent alternanti bejn kwalunkwe konduttur;

"żvilupp" tfisser bini jew struttura li tikkonsisti f'żewġ(2) unitajiet ta' bini jew aktar, iżda għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, bini jew struttura waħda jew aktar li huma soġġetti għal aktar minn applikazzjoni waħda għall-ippjanar tal-iżvilupp għandhom jitqiesu bħala żvilupp wieħed jekk il-bini jew l-istruttura rilevanti jkunu jew fiżikament interkonnessi internament ma' xulxin, fi kwalunkwe livell, jew l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jiddetermina li dawn jiffurmaw parti minn proġett wieħed.

Operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u d-dmir li jikkonnettja man-netwerk.

**3.** (1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu, bla ħsara għall-konformità ma' dawn ir-regolamenti u l-ħlas tad-dritt stipulat fil-partita 1 tas-Sitt Skeda, jikkonnettja bini mas-sistema ta' distribuzzjoni permezz ta' konnessjoni man-netwerk meta jintalab jagħmel dan minn kwalunkwe persuna li tkun sid jew tamministra jew li jkollha taħt il-kontroll tagħha l-fond, jew persuna li tipprovdi dikjarazzjoni li tgħid li s-sid ta' dak il-fond ikun ta l-awtorizzazzjoni dovuta, sabiex l-elettriku jkun jista' jiġi importat minn u, jew esportat lejn in-netwerk:

Iżda li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' wkoll jikkonnettja installazzjoni temporanja man-netwerk meta jintalab jagħmel dan permezz tal-proċeduri xierqa ta' applikazzjoni.

(2) Id-dmir ta' operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni jinkludi d-dmir li tiġi pprovduta u miżmuma l- konnessjoni kif jista' jkun meħtieġ sabiex tippermetti li din il-konnessjoni tintuża għall-iskopijiet li għalihom tkun meħtieġa mill-klijent.

(3) Id-dmirijiet ta' operatur ta' sistema ta' distribuzzjoni għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Konnessjonijiet man-netwerk.

**4.** (1) Il-konnessjonijiet li ġejjin għandhom jiġu pprovduti mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni:

(a) konnessjoni standard man-netwerk ; jew

(b) *bulk network connection*.

Proċedura għat-talba ta' konnessjoni jew bidla.

**5.** (1) Kwalunkwe persuna li tippossjedi jew tamministra jew li jkollha taħt il-kontroll tagħha fond jew installazzjoni temporanja, jew persuna li tipprovdi dikjarazzjoni li tgħid li s-sid tal-imsemmi fond ikun ta l-awtorizzazzjoni dovuta, jew kwalunkwe persuna li teħtieġli ssir klijent, tista' tagħmel talba lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għal konnessjoni man-netwerk jew għal bidla f'konnessjoni eżistenti man-netwerk. Meta jintalab li ssir konnessjoni mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skont ir-regolament 3, il-klijent għandu jissottometti applikazzjoni lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(2) L-applikazzjoni msemmija fis-subregolament (1) għandha ssir f'dik il-forma u l-manjiera, u għandha tinkludi, jew tkun akkumpanjata minn, dik l-informazzjoni u dokumenti kif jista' jkun preskritt mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. L-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata wkoll mid-dritt applikabbli stabbilit fis-Sitt Skeda.

(3) Id-dettalji li jinsabu fl-applikazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal verifika mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u wara dan l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista':

(a) jitlob aktar informazzjoni mingħand l-applikant fir-rigward tal-konnessjoni meħtieġa; u

(b) iwettaq spezzjoni tal-installazzjoni temporanja, il-fond u, jew l-installazzjoni elettrika li għaliha tirrelata l-applikazzjoni.

(4) Talba għal kwalunkwe servizz ipprovdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandha tiġi sottomessa bl-użu tal-formola ta' applikazzjoni xierqa jew proċedura oħra stabbilita mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minn żmien għal żmien, li għandha timtela kollha u tiġi sottomessa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bil-mod preskritt. Is-servizzi pprovduti mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li jeħtieġu s-sottomissjoni ta' formola ta' applikazzjoni jew tali proċedura oħra jinkludu dan li ġej:

(a) talba għal konnessjoni ġdida man-netwerk; jew

(b) talba għal aġġornament jew modifika ta' konnessjoni eżistenti man-netwerk (inkluża bidla fit-tariffa u, jew trasferiment ta' kont);

(ċ) talba għal konnessjoni temporanja man-netwerk ta' installazzjoni temporanja;

(d) talba għal bidla fit-tariffa;

(e) talba għal bidla fin-numru ta' persuni;

(f) talba għal trasferiment ta' kont;

(g) talba għal konnessjoni ta' ġeneraturi distribwiti inklużi dawk li joperaw bħala RES jew koġenerazzjoni;

(h) kwalunkwe applikazzjoni oħra li tista' tkun meħtieġa minn żmien għal żmien għal servizzi pprovduti mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni:

Iżda bidla minn konnessjoni *single phase* għal konnessjoni *three phase*, u viċe versa, għandha titqies li hija konnessjoni ġdida:

Iżda wkoll fejn klijent diġà rreġistrat mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fir-rigward ta' kwalunkwe fond jew installazzjoni temporanja jitlob konnessjoni għal fond differenti u, jew installazzjoni temporanja, l-imsemmija applikazzjoni għandha titqies li hija applikazzjoni għal konnessjoni ġdida, anke jekk tali fond ieħor u, jew installazzjoni temporanja kienu preċedentement konnessi man-netwerk mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(5) Djar, appartamenti, flatijiet, fabbriki, lukandi, ħwienet kummerċjali, uffiċċji u kwalunkwe bini ieħor li huma fiżikament interkonness internament għandhom jiġu pprovduti b'konnessjoni waħda (1) biss man-netwerk sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

L.S. 545.24.

(6) Applikazzjoni għal konnessjoni man-netwerk jew l-aġġornament ta' konnessjoni eżistenti man-netwerk sottomessa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandha tiġi ffirmata minn provditur awtorizzat li jkollu l-awtorizzazzjoni meħtieġa għat-tip ta' installazzjoni elettrika skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi:

L.S. 545.24.

Iżda li l-applikazzjonijiet għall-konnessjoni tal-installazzjonijiet elettriċi b'*rating* tal-kurrent ta' 300A jew aktar fi kwalunkwe phase għandhom jiġu ffirmati minn inġinier elettriku bil-warrant li jkun ukoll id-detentur ta' Awtorizzazzjoni B skont ir-Regolamenti

dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi.

L.S. 545.24.

(7) L-applikazzjoni lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni li tgħid li l-installazzjoni elettrika ġiet spezzjonata u ttestjata skont dawn ir-regolamenti, ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi, il-kodiċi tan-netwerk, l-istandard EN 50549 u r-regoli u l-proċeduri tekniċi l-oħra kollha applikabbli u li l-installazzjoni elettrika rilevanti hija konformi magħhom.

(8) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jivverifika l-informazzjoni li tinsab fl-applikazzjoni u d-dokumentazzjoni relatata sottomessa skont dan ir-regolament . Fejn applikazzjoni titqies mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bħala mhux kompluta, jew tonqos milli tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, jew fejn l-installazzjoni elettrika soġġetta għall-applikazzjoni tinstab li mhijiex konformi mar-rekwiżiti ta' dawn ir-regolamenti, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda u riferuta lura lill-applikant, li għandu jkun responsabbli għall-ħlas ta' dritt kif stipulat fil-partita 5 tas-Sitt Skeda.

Talba għal depożitu permezz ta' garanzija.

(1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jeħtieġ lil kwalunkwe klijent li jitlob, jew li diġà ġie pprovdut b'konnessjoni, li jipprovdi depożitu bħala garanzija għall-ammonti kollha li jistgħu jsiru dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni b'konnessjoni mal-provvista tal-elettriku lill-klijent. Id-depożitu għandu jkun f'tali ammont li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jqis xieraq fiċ-ċirkostanzi.

(2) Depożitu magħmul skont is-subregolament (1) għandu jitħallas lura lid-depożitant malli jieqaf ikun klijent, diment li l-ammonti kollha dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fir-rigward tal-provvista tal-elettriku b'rabta mal-kont tiegħu jkunu tħallsu.

(3) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', minflok ma jitlob li jsir depożitu skont is-subregolament (1), jeħtieġ li klijent jipproduċi impenn minn parti terza aċċettabbli għall-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li jorbot lilu nnifsu *in solidum* mal-klijent għall-ħlas regolari tal-ammonti kollha li jistgħu jsiru dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni b'rabta mal-provvista tal-elettriku lill-kont tal-imsemmi klijent.

(4) Jekk persuna tonqos milli tipprovdi kwalunkwe depożitu jew garanzija meħtieġa skont dan ir-regolament, jew il-garanzija jew id-depożitu mogħtija jsiru invalidi jew insuffiċjenti, u l-persuna tonqos milli tipprovdi garanzija alternattiva jew addizzjonali, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista':

(a) jekk il-konnessjoni ma tkunx saret, jirrifjuta li jipprovdi l-konnessjoni sakemm ma tintlaħaqx konformità; jew

(b) jekk il-konnessjoni tkun ġiet ipprovduta, jissospendi l-konnessjoni jew jiskonnettja l-konnessjoni inkwistjoni.

Konnessjoni u kejl għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi.

**7.** (1) Tariffa ta' installazzjoni ta' darba kif stipulat fil-partita 1 tas-Sitt Skeda għandha tkun dovuta ma' kull applikazzjoni għal:

(a) *meter single phase* addizzjonali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi fi kwalunkwe fond li jkun diġà pprovdut b'konnessjoni man-netwerk *single phase* jew *three phase*; u

(b) *meter three phase* addizzjonali għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'fond diġà pprovdut b'konnessjoni man-netwerk *three phase*:

Iżda *meter* addizzjonali wieħed (1) biss għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi jista' jiġi pprovdut fi kwalunkwe *single phase* jew *three phase* ta' konnessjoni u kont tal-konsum;

Iżda wkoll il-miter addizzjonali għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi installat bħala miter supplimentari tal-miter ewlieni tal-konsum u fuq konnessjoni eżistenti man-newerk għandu jiġi installat qrib il-miter tal-konsum f'post adatt kif jista' jiġi determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(2) Applikazzjoni għal konnessjoni ġdida man-netwerk tal-elettriku jew aġġornament jew modifika ta' konnessjoni man-netwerk eżistenti ma' stazzjon tal-iċċarġjar pubbliku għandha tiġi pprovduta skont it-tariffi applikabbli stipulati fil-partita 1 tas-Sitt Skeda.

(3) L-installazzjoni mill-miter tal-EV, sa u inkluż il-punt tal-iċċarġjar tal-EV, għandha tkun ir-responsabbiltà unika tal-klijent u għandha tkun konformi ma' kwalunkwe rekwiżit ta' dawn ir-regolamenti u ma' kwalunkwe regolament applikabbli ieħor.

(4) Kwalunkwe installazzjoni elettrika mill-miter tal-EV sa u inkluż il-punt tal-

iċċarġjar tal-EV għandha tiġi fornuta mill-istess konnessjoni u kont li jforni l-miter tal-EV.

(5) Bla ħsara għal dan ta' hawn fuq, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jinstalla tagħmir ta' kontroll addizzjonali jew apparat ieħor mal-miter tal-EV kif iqis xieraq.

(6) L-elettriku fornut permezz ta' miter tal-EV għandu jintuża biss għal skopijiet ta' ċċarġjar tal-vetturi elettriċi. Kwalunkwe użu ieħor ta' dan l-elettriku u, jew it-tbagħbis ta' miter tal-EV għandu jikkostitwixxi ksur ta' dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 21(4) u 26 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun intitolat ukoll għas-sospensjoni tal-provvista lill-fond rilevanti jew installazzjoni temporanja.

(7) Fil-każ ta' parkeġġ ta' karozzi komunali privati jew spazji ta' karozzi privati riżervati fil-konfini ta' żvilupp, l-installazzjoni ta' miter tal-EV, bħala miter supplimentari tal-miter ewlieni tal-konsum tal-fond jew installazzjoni temporanja, sabiex iforni punt tal-iċċarġjar tal-EV f'kont residenzjali jew domestiku għandha tkun permessa biss fejn:

(a) l-ispazji tal-parkeġġ tal-karozzi privati komunali jew tal-karozzi privati riżervati għandu jkollhom l-istess sors tal-elettriku li jforni l-miter ewlieni tal-konsum tal-fond jew tal-installazzjoni temporanja li għalih jirreferi l-kont residenzjali jew domestiku;

(b) il-miter supplimentari tal-EV għandu jiġi installat qrib il-miter ewlieni tal-konsum tal-fond jew tal-installazzjoni temporanja rispettivi;

(ċ) l-installazzjoni elettrika mill-miter tal-EV sal-punt tal-iċċarġjar ma għandha toħloq l-ebda ostaklu jew periklu għal partijiet terzi;

(d) għandu jitwaħħal tikkettar xieraq mal-punt tal-iċċarġjar, mal-miter tal-EV u mal-installazzjoni elettrika msemmija fil-paragrafu (ċ) sabiex jiġi indikat li l-installazzjoni tal-iċċarġjar tal-EV ġejja minn miter tal-elettriku differenti mill-miter komunali li jipprovdi l-partijiet komuni tal-iżvilupp u ż-żoni komuni tal-parkeġġ; u

(e) l-installazzjoni elettrika fornuta mill-miter tal-EV għandha tintuża biss għall-iċċarġjar tal-EV.

(8) Fil-każ ta' parkeġġ ta' karozzi komunali privati jew spazji riżervati ta' karozzi privati fil-konfini ta' żvilupp, u fejn l-utent ta' żona ta' parkeġġ ta' karozzi komunali privati jew spazju riżervat għall-karozzi privati ma jkollux kont residenzjali jew domestiku u, jew ma jkollux jew ma jokkupax unità ta' bini fi ħdan l-imsemmi iżvilupp , l-installazzjoni ta' miter tal-EV sabiex jipprovdi punt tal-iċċarġjar tal-EV għal skopijiet privati mhux

kummerċjali għandu jkun permess biss fejn:

(a) il-miter tal-EV l-ġdid għandu jkollu l-istess sors tal-elettriku li jforni l-miters tal-partijiet komuni taż-żona ta' parkeġġ tal-karozzi komunali privati jew tal-ispazji riżervati tal-karozzi privati u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jiddetermina li l-imsemmija miters tal-EV jistgħu jiġu pprovduti skont dawn ir-regolamenti:

Iżda l-klijent reġistrat bħala d-detentur tal-kont għall-konnessjoni mal-partijiet komuni ma għandux ikun responsabbli għall-konnessjoni mal-punt tal-iċċarġjar tal-EV, u li l-klijent li f'ismu jkun reġistrat il-miter tal-EV għandu jkollu r-responsabbiltà unika;

(b) il-miter tal-EV għandu jiġi installat qrib il-miters tal-konsum tal-partijiet komuni;

(ċ) l-installazzjoni elettrika fornuta mill-miter tal-EV ma għandha toħloq l-ebda ostaklu jew periklu għal partijiet terzi; u

(d) l-installazzjoni elettrika fornuta mill-miter tal-EV għandha tintuża biss għall-iċċarġjar tal-EV.

Konnessjoni man-netwerk għal unità waħda ta' bini

(1) Konnessjonijiet standard ġodda man-netwerk jew alterazzjoni għal konnessjoni standard eżistenti li ma teċċedix is-60Amps fuq kwalunkwe phase għandhom jiġu pprovduti lill-applikant fil-każ ta' unità waħda ta' bini mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni billi l-infrastruttura man-netwerk tiġi estiża mill-eqreb punt ta' konnessjoni b'vultaġġ baxx adatt jew *substation* adattata, kif determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, għall-unità waħda ta' bini.

(2) Kwalunkwe xogħol ċivili li jista' jkun meħtieġ għall-forniment tal-konnessjoni man-netwerk, bħal iżda mhux limitat għat-trinek u t-tqegħid ta' kejbils taħt l-art, għandu jitwettaq mill-applikant:

(a) f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet provduti mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;

(b) wara l-approvazzjoni mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni; u

(ċ) taħt is-superviżjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(3) Fejn it-tul tar-rotta jkun lil hinn minn mija u ħamsin metru (150m) mill-eqreb punt ta' konnessjoni ta' vultaġġ baxx adatt jew *substation* adattata, l-applikant għandu jħallas għall-ispiża sħiħa tal-estensjoni ta' vultaġġ baxx, inkluż kwalunkwe xogħol ċivili li jista' jkun meħtieġ, bit-tnaqqis tad-dritt ta' konnessjoni applikabbli stipulat fil-partita 1 tas-Sitt Skeda.

(4) Estensjonijiet lill hinn minn mija u ħamsin metru (150m) għandhom isiru bl-użu tal-materjali standard użati mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, li għandhom jiġu pprovduti mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni biss jekk ir-regolament tal-vultaġġ ikun fil-limiti stabbiliti fil-kodiċi man-netwerk. Fejn ir-regolament tal-vultaġġ imur lil hinn mil-limiti stabbiliti fil-kodiċi man-netwerk, għandha tkun meħtieġa *substation* ġdida għall-konnessjoni man-netwerk mal-unità waħda ta' bini.

(5) Meta l-estensjoni ta' vultaġġ baxx imsemmija f'dan ir-regolament tkun ġiet iffinanzjata kollha mill-applikant, l-imsemmi applikant huwa intitolat għal rifużjoni, skont il-mekkaniżmu stabbilit u ippublikat mil-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, għal kull konnessjoni ġdida pprovduta mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni lil klijenti oħra permezz tal-użu tal-istess estensjoni ta' vultaġġ baxx:

Iżda:

(a) l-intitolament għall-imsemmi rifużjoni għandu japplika biss sa għaxar (10) snin mid-data tal-ikkummissjonar tal-estensjoni ta' vultaġġ baxx; u

(b) ir-rifużjoni massima kumulattiva li għaliha huwa intitolat l-applikant rilevanti ma għandhiex teċċedi ħamsa u sittin fil-mija (65%) ta l-ammont totali deprezzat u mħallas mill-imsemmi applikant għall-estensjoni ta' vultaġġ baxx.

Konnessjoni man-netwerk għall-klijenti multipli fi ħdan żvilupp wieħed (1).

**9.** (1) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, klijenti multipli fi ħdan żvilupp wieħed (1) jistgħu jikkonsistu f'fond residenzjali, fond mhux residenzjali, fond domestiku, jew taħlita ta' fond residenzjali u, jew fond mhux residenzjali u, jew fond domestiku, li l-ebda wieħed minnhom ma jeħtieġ *bulk network connection*. Id-drittijiet ta' konnessjoni pagabbli għal kull konnessjoni ta' netwerk sa 60 Amps kif stabbiliti fis-Sitt Skeda għandhom ikunu applikabbli fir-rigward ta' kull konnessjoni man-netwerk ma' kull unità ta' bini fi ħdan żvilupp b'klijenti multipli.

(2) Fejn in-numru ta' unitajiet ta' konnessjoni fi żvilupp b'klijenti multipli ma jeċċedix tnax (12), u fejn it-tul tar-rotta ma jaqbiżx it-tliet mitt metru (300m) mill-eqreb *substation* adattata, il-konnessjoni man-netwerk tista' tiġi estiża mill-eqreb punt ta' konnessjoni b'vultaġġ baxx adatt jew *substation* adattata, kif determinat mill-operatur tas-

sistema ta' distribuzzjoni.

(3) Fejn in-numru ta' unitajiet ta' konnessjoni fi żvilupp b'klijenti multipli ma jeċċedix tnax (12) u t-tul tar-rotta jkun lil hinn minn tliet mitt metru (300m) mill-eqreb punt ta' konnessjoni b'vultaġġ baxx adatt, l-applikanti għandhom iħallsu għall-ispiża sħiħa tal-estensjoni, inkluż kwalunkwe xogħol ċivili li jista' jkun meħtieġ, bit-tnaqqis tad-dritt ta' konnessjoni applikabbli stipulat fil-partita 1 tas-Sitt Skeda.

(4) Konnessjonijiet ġodda man-netwerk għall-iżviluppi b'klijenti multipli għandhom jiġu pprovduti mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni billi l-infrastruttura man-netwerk tiġi estiża mill-eqreb *substation* adattata, kif determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, għall-iżvilupp, jekk jiġu ssodisfati l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) in-numru ta' unitajiet ta' konnessjoni huwa aktar minn tnax (12) iżda ma jeċċedix ħamsin (50);

(b) it-tul tar-rotta mill-eqreb *substation* adattata ma jeċċedix tliet mitt metru (300m) ;

(ċ) il-prodott tan-numru ta' unitajiet ta' konnessjoni u t-tul tar-rotta f'metri ma jeċċedixsitt elef u sitt mija (6,600) ta' unità ta' konnessjoni f'metri;

(d) il-load massima tas-*substation* eżistenti fil-ħin tal-applikazzjoni u l-load addizzjonali stmata fil-load diversifikata mogħtija fir-regolament 9(8), meta meħuda fl-aggregat, ma teċċedix ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tar-*rating* tat-transformer, sakemm it-*transformer* ma jistax jiġi mibdul b'wieħed *b'rating* akbar; u

(e) l-iżvilupp jinsab f'żona ta' żvilupp tal-bini:

Iżda meta l-kundizzjonijiet kollha f'dan ir-regolament ikunu sodisfatti, id-drittijiet ta' konnessjoni pagabbli għal kull konnessjoni tan- netwerk sa 60 Amps, kif stabbiliti fis-Sitt Skeda, għandhom ikunu applikabbli fir-rigward ta' kull konnessjoni man-netwerk għal kull unità ta' bini fi ħdan l-iżvilupp.

(5) Kwalunkwe xogħlijiet ċivili, bħal iżda mhux limitat għal trinek u tqegħid ta' kejbils li jistgħu jkunu meħtieġa għall-forniment ta' konnessjoni man-netwerk skont is-subregolament (4) u li mhuwiex *bulk network connection*, għandu jitwettaq mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(6) Meta n-numru ta' unitajiet ta' konnessjoni fi żvilupp b'klijenti multipli jkun aktar minn tnax (12) u kwalunkwe wieħed jew aktar mill-kriterji fis-subegolament (4) ma jiġux sodisfatti, *substation* ġdida għandha tkun meħtieġa sabiex tipprovdi l-konnessjoni man-netwerk għall-iżvilupp rilevanti, sakemm l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jiddeterminax, fid-diskrezzjoni tiegħu, li konnessjoni man-netwerk estiża minn *substation* eżistenti, jew alternattiva teknika oħra, hija adegwata sabiex:

(a) tilħaq id-domanda totali tal-iżvilupp tal-klijenti multipli kollha; u

(b) tikkonforma mar-rekwiżiti tal-kodiċi man-netwerk.

(7) Meta n-numru ta' unitajiet ta' konnessjoni fi żvilupp b'klijenti multipli jkun aktar minn tnax (12) iżda inqas minn tnejn u għoxrin (22) u l-kriterji kollha fis-subegolament (4) ikunu sodisfati, il-konnessjoni man-netwerk tista' tiġi estiża permezz ta' kejbil taħt l-art jew overhead line fid-diskrezzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(8) In-numru ta' unitajiet ta' konnessjoni u l-load fi żvilupp b'klijenti multipli għandhom jiġu kkalkulati bl-użu tal-parametri li ġejjin:

(a) konnessjoni man-netwerk *single phase* ta' 40 Amps titqies bħala unità ta' konnessjoni waħda (1);

(b) konnessjoni man-netwerk *three phase* ta' 40 Amps titqies bħala ekwivalenti għal tliet (3) unitajiet ta' konnessjoni;

(ċ) konnessjoni man-netwerk *three phase* ta' 60 Amps titqies bħala unità ta' konnessjoni b'erbgħa u nofs (4.5);

(d) unità ta' bini industrijali u, jew kummerċjali għandha titqies bħala erbgħa u nofs (4.5) unitajiet ta' konnessjoni anke meta l-applikazzjoni tkun għal konnessjoni waħda man-netwerk ta' 40 Amps single phase ;

(e) garaxx tal-karozzi jew spazju għall-parkeġġ sa ħamsin metru kwadru ($50m^2$) għandhom jitqiesu bħala nofs (0.5) unitajiet ta' konnessjoni; u

(f) il-load diversifikata għal unità waħda ta' konnessjoni tittieħed bħala 16 Amps.

(9) Konnessjoni man-netwerk fi ħdan żvilupp b'klijenti multipli għandha tiġi ttrattata bħala *bulk network connection* jekk tkun teħtieġ aktar minn *three phase* ta' 60 Amps.

(10) Fil-każ ta' żvilupp b'klijenti multipli li jeħtieġ *bulk network connection* waħda jew aktar u konnessjoni standard waħda jew aktar, il-kurrent totali mitlub għall dan l-iżvilupp b'klijenti multipli għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-kurrent meħtieġ għal *bulk network connections* kollha u n-numru ta' unitajiet tal-bini mmultiplikat bil-load diversifikata kif stabbilit fis-subregolament (8). Il-konnessjoni man-netwerk għal tali kurrent totali għandha tkun estiża skont il-kriterji stabbiliti fir--regolament 10.

*Bulk Network Connection .*

(1) *Bulk network connection* għandha tiġi pprovduta mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni billi tiġi estiża l-infrastruttura man-netwerk mill-eqreb punt ta' konnessjoni b'vultaġġ baxx adatt jew *substation* adattata fuq in-netwerk, kif determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, meta jiġu sodisfatti l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) l-ammont meħtieġ f'Amps għal kull phase mmultiplikat bid-distanza f'metri bejn il-punt tal-kejl fil-fond tal-applikant u l-panel ta' vultaġġ baxx fl-eqreb *substation* adattata ma għandux jeċċedi t-30,000 Amp metru b'varjazzjoni massima ta' +10% fuq l-element tad-distanza. Għal dan l-għan, il-kurrent mitlub għandu jikkonsisti f'wieħed mill-valuri standard li ġejjin: 100 Amps, 125 Amps, 160 Amps, 200 Amps, 250 Amps, 315 Amps, 355 Amps, 400 Amps, 450 Amps, 500 Amps;

(b) it-tul tar-rotta f'metri bejn il-punt tal-kejl fil-fond tal-applikant u l-panel ta' vultaġġ baxx fl-eqreb *substation* adattata ma jeċċedix tliet mitt metru (300m); u

(ċ) il-*bulk network connection* ma teċċedix 500 Amps għal kull phase.

(2) *Bulk network connection* ma għandhiex tiġi estiża minn *overhead lines* jew minn kejbils taħt l-art li huma nfushom huma fornuti minn *overhead lines* .

(3) L-applikant għandu jħallas l-ispiża sħiħa tat-tagħmir u tax -xogħlijiet ta' vultaġġ baxx, inklużi x-xogħlijiet ċivili, meħtieġa għall-forniment tal-*bulk network connection* lill-applikant. Barra minn hekk, ħlas ta' dritt għal kull kVA fornut, għandu jsir mill-applikant bħala kontribuzzjoni ta' vultaġġ għoli kif stipulat fil-partita 9 tas-Sitt Skeda ul-ħlas għandu jsir skont il-partita 21 tas-Sitt Skeda.

(4) L-estensjoni ta' vultaġġ baxx għandha tibqa' l-proprjetà tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sakemm jitħallas l-ammont kollu dovut fir-rigward tal-imsemmija estensjoni ta' vultaġġ baxx. Il-klijent li fil-fond jew l-installazzjoni temporanja tiegħu tkun ġiet installata l-estensjoni ta' vultaġġ baxx għandu jkun marbut b'dikjarazzjoni bil-miktub li la l-imsemmi klijent u lanqas is-suċċessuri fit-titolu, ma għandhom joffru kwalunkwe oppożizzjoni għat-tneħħija tal-imsemmija estensjoni ta' vultaġġ baxx mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fil-każ li l-ammonti dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fir-rigward tal-estensjoni ta' vultaġġ baxx, inkluż l-imgħax fuqhom kif ikkalkulat skont ir-regolament 20(4), ma jiġux saldati b'mod sħiħ u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjonijiddetermina li tali tneħħija hija idoneja fiċ-ċirkustanzi.

(5) Il-varjazzjoni massima ta' +10% fuq l-element tad-distanza kif imsemmi fir-regolament 10(1)(a) hija kkalkulata kif stipulat fil-partita 23 tas-Sitt Skeda.

(6) Jekk xi wieħed jew aktar mill-kriterji fir-regolament 10(1) ma jiġux sodisfatti, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ikollu d-dritt li jeħtieġ *substation* ġdida għall-forniment tal-konnessjoni tal-massa man-netwerk skont ir-regolament 12.

Installazzjonijiet tal-ġenerazzjoni u faċilitajiet għall-ħażna tal-enerġija.

**11.** (1) Fejn klijent eżistenti jew klijent ġdid ikun jeħtieġ li jikkonnettja unità ta' ġenerazzjoni man-netwerk jew iżid il-kapaċità ta' unità ta' ġenerazzjoni eżistenti, għandha tiġi sottomessa applikazzjoni lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skont ir-regolament 5 u fl-imsemmija applikazzjoni l-applikant għandu jindika t-tip ta' RES.

L.S. 545.34.

(2) L-applikazzjoni sottomessa skont is-subregolament (1), għandha tkun akkumpanjata minn kopja tal-liċenzja u, jew dokumentazzjoni rilevanti oħra maħruġa mir-Regolatur għal dan l- għan skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku kif applikabbli u d-dritt applikabbli stipulat fil-partita 1 tas-Sitt Skeda.

(3) Unità ta' ġenerazzjoni ta' RES jew CHP jew faċilità għall-ħażna tal-enerġija li hija maħsuba biex tkun konnessa man-netwerk għandha tkun ipprovduta b'kontroll awtomatiku volt/var u fejn il *continuous steady state alternating current rating* totali ma jaqbiżx l-4.6 kW fuq kwalunkwe phase ma għandu jkun hemm l-ebda ħtieġa għal awtorizzazzjoni u, jew għal liċenzja mir-Regolatur u l-operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni għandu, suġġett għall-ħtiġijiet tal-kodiċi tan-netwerk, jikkonnetja l-ġeneratur man-netwerk jew faċilità għall-ħażna tal-enerġija u jipprovdi t-tagħmir tal-*metering* meħtieġ ġaladarba d-drittijiet kollha applikabbli jkunu ġew mħallsa.

(4)(a) Unità ta' ġenerazzjoni ta' RES jew CHP jew faċilità għall-ħażna tal-enerġija li hija maħsuba biex tkun konnessa man-netwerk għandha tkun ipprovduta b'kontroll awtomatiku volt/var u fejn il totali jaqbeż l-4.6 kW fi kwalunkwe phase il-klijent għandu jitlob konferma minn qabel, bil-mod stabbilit, mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li tali kapaċità tista' tkun konnessa man-netwerk:

Iżda l -operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jwettaq studju dwar il-konnessjoni man-netwerk u skont is-sejbiet ta' tali studju, jista' jirrifjuta jew jaċċetta t-talba:

Iżda wkoll fil-każ ta' rifjut, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jipprovdi lill-applikant b'ġustifikazzjoni bil-miktub għal tali rifjut.

(b) Fejn ikun meħtieġ li jsir studju dwar il-konnessjoni man-netwerk skont il-paragrafu (a), id-dritt applikabbli speċifikat fil-partita 8 tas-Sitt Skeda għandu jkun dovut mill-klijent.

(ċ) Ġaladarba t-talba għall-konnessjoni tiġi approvata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, il-klijent għandu jissottometti applikazzjoni għall-konnessjoni meħtieġa man-netwerk.

(d) Fejn l-istudju dwar il-konnessjoni man-netwerk fil-paragrafu (b) jirriżulta f'konnessjoni ġdida jew aġġornament ta' konnessjoni eżistenti li jkunu meħtieġa sabiex tiġi konnessa l-kapaċità ta' ġenerazzjoni, ir-regolamenti 8, 10 u 12 għandhom japplikaw għall-aġġornament jew għall-konnessjoni l-ġdida.

(e) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jippubblika l-proċedura, inklużi l-perjodi ta' żmien relattivi, għall-konnessjoni tal-ġeneraturi RES u CHP u faċilitajiet għall-ħażna tal-enerġija man-netwerk.

(5) Żieda fil-kapaċità eżistenti ta' RES jew ta' CHP jew ta' faċilità għall-ħażna tal-enerġija , għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u tali applikazzjoni għandha tkun soġġetta għad-drittijiet stipulati fil-partita 2 tas-Sitt Skeda.

*Substations.*

**12.** (1) Sakemm l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jiddeterminax mod ieħor, tenut kont taċ-ċirkustanzi partikulari ta' każ, tkun meħtieġa *substation* ġdida fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fi kwalunkwe żvilupp ġdid b'klijenti multipli fejn in-numru ta' unitajiet ta' konnessjoni huwa aktar minn tnax (12), li l-ebda wieħed minnhom ma jeħtieġ *bulk network connection*, meta kwalunkwe wieħed jew aktar mill-ħames (5) kriterji stabbiliti fir-regolament 9(4) ma jkunux sodisfatti;

(b) għal *bulk network connection*, meta xi wieħed jew aktar mill-kriterji stabbiliti fir-regolament 10(1) ma jkunux sodisfatti;

(ċ) fir-rigward ta' unità waħda ta' bini, meta ma jkun hemm l-ebda punt ta' konnessjoni b'vultaġġ baxx adatta u l-ebda *substation* adattata fil-viċinanza li minnha jkun teknikament possibbli li tiġi estiża konnessjoni man-netwerk għall-unità waħda ta' bini rilevanti.

(2) Applikant li jagħmel talba għal konnessjoni li teħtieġ *substation* ġdida skont ir-regolament 12(1)(a) u, jew (b) għandu jkun marbut li jipprovdi kamra tas-*substation* adattata fi ħdan l-iżvilupp.

(3) Is-*substation*s għandhom jiġu ffinanzjati kif ġej:

(a) fil-każ ta' żvilupp b'klijenti multipli li l-ebda wieħed minnhom ma jeħtieġ *bulk network connection* u li l-iżvilupp tiegħu jeħtieġ *substation* skont ir-regolament 9(6), l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu:

(i) jiffinanzja l-ispejjeż kollha relatati max-xogħlijiet ċivili u, jew kwalunkwe alterazzjoni strutturali; u

(ii) jikkumpensa lis-sid tal-art tas-*substation* għall-forniment tal-art tas-*substation*, fejn din tingħata lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bi sjieda sħiħa:

Iżda l-klijenti kollha fi ħdan l-iżvilupp b'diversi klijenti għandhom iħallsu d-drittijiet applikabbli għall-konnessjoni ta' kull unità ta' bini man-netwerk;

Iżda wkoll l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu madankollu jżomm id-dritt li jestendi l-konnessjonijiet man-netwerk mill-imsemmija *substation* għal applikanti barra l-iżvilupp fejn tkun tinsab is-*substation*, mingħajr ma jagħmel l-ebda ħlas jew kumpens addizzjonali lill-applikant.

(b) fil-każ ta' *bulk network connection*:

(i) mill-applikant; jew

(ii) mill-applikant u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fuq bażi ta' qsim tal-ispejjeż fejn, fiż-żmien meta tiġi kkummissjonata s-*substation*, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jeħtieġ l-użu tas-*substation* sabiex tipprovdi konnessjonijiet lil partijiet terzi. F'każ bħal dan l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jżomm id-dritt li jestendi l-konnessjonijiet man-netwerk mill-imsemmija *substation* għal applikanti barra mill-iżvilupp fejn tkun tinsab is-*substation*, mingħajr ma jagħmel l-ebda ħlas jew kumpens addizzjonali lill-

applikant;

(ċ) fil-każ ta' konnessjoni ta' netwerk għal unità waħda ta' bini li tkun teħtieġ *substation* ġdida, is-*substation* għandha tkun iffinanzjata kompletament mill-applikant.

(4) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jikseb titolu fuq l-art tas-*substation* skont il-kriterji stabbiliti fir-regolament 13.

(5) Minkejja t-titolu miżmum mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fuq *substation* u, jew l-art tas-*substation*:

(a) is-sjieda tat-tagħmir u l-apparat kollu li hemm fih għandhom ikunu u jibqgħu tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni; u

(b) l-aċċess għas-*substation* għandu jingħata f'kull ħin lill-impjegati, lill-uffiċjali u lill-kuntratturi tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(6) Meta l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u l-applikant jaqsmu l-ispejjeż tas-*substation*, il-qsim tal-ispejjeż għandha tiġi applikata fuq bażi *pro rata* fuq il-proporzjon tat-load tal-kVA użata minn kull wieħed minnhom.

(7) Fejn l-applikant jipprovdi l-art tas-*substation* u, jew xogħlijiet ċivili u, jew kwalunkwe alterazzjoni strutturali fl-art tas-*substation*, l-applikant għandu jiġi kkumpensat skont ir-regolament 14.

(8) Fejn is-sid jipprovdi l-art tas-*substation* u, jew xogħlijiet ċivili u, jew kwalunkwe alterazzjoni strutturali fl-art tas-*substation*, is-sid għandu jiġi kkumpensat skont ir-regolament 14.

(9) L-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-art tas-*substation* rilevanti għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

(a) kwalunkwe kumpens imħallas mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jiżdied mal-ispiża għall-konnessjoni u t-tagħmir tas-*substation* rilevanti għall-fini tal-qsim tal-ispejjeż skont ir-regolament 12(6), skont il-każ;

(b) meta s-*substation* rilevanti tkun ġiet iffinanzjata kompletament mill-applikant, l-applikant għandu jkun intitolat għal kumpens bir-rata speċifikata fil-partita 11 tas-Sitt Skeda;

(ċ) meta s-*substation* rilevanti tkun ġiet ffinanzjata kompletament mill-applikant, għandu japplika wkoll kumpens addizzjonali kif stipulat fil-partita 10 tas-Sitt Skeda meta l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jiddeċiedi li jestendi l-konnessjonijiet b'vultaġġ baxx lil terzi mis-*substation* rilevanti. Ir-rifużjoni skont dan il-paragrafu għandha tkompli tapplika biss sa għaxar (10) snin mid-data tal-ikkummissjonar tas-*substation* relattiva;

(d) meta s-*substation* tkun ġiet iffinanzjata fuq bażi ta' qsim tal-ispejjeż mill-applikant u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-applikant ma għandux ikun intitolat għal xi kumpens imsemmi fil-paragrafi(b) u (ċ).

(10) Il-manutenzjoni tax-xogħlijiet ċivili fl-art tas-*substation* u s-*substation* nnifisha għandhom isiru mill-applikant jew mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skont it-titolu miżmum mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fuq *substation* fi kwalunkwe ħin. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu s-*substation* bi sjieda sħiħa, huwa għandu jkun responsabbli għall-manutenzjoni tax-xogħlijiet ċivili. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkollu s-*substation* bit-titolu ta' kiri jew kommodat, is-sid tal-art tas-*substation* għandu jkun responsabbli għall-manutenzjoni ta' xogħlijiet ċivili.

(11) Sakemm is-*substation* tintuża esklussivament għall-applikant, il-konsum tal-enerġija għandu jitkejjel min-naħa tal-vultaġġ għoli jew vultaġġ medju u vultaġġ baxx fejn dan ikun meħtieġ u d-differenza bejn il-qari tal-miter HV/MV u s-somma tal-qari individwali tal-miters tal-vultaġġ baxx, għandha titħallas mill-applikant.

(12) Fejn is-*substation* tintuża għal persuni għajr l-applikant waħdu, il-konsum tal-enerġija għandu jitkejjel fuq in-naħa tal-vultaġġ baxx u t-telf tal-konnessjoni għandhom jiġu kkalkulati kif stabbilit fil-partita 20 tas-Sitt Skeda. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jeħtieġ li l-klijenti jidħlu fi ftehim ta' qsim tat-telf sabiex jirregolaw kwistjonijiet bħal dawn.

(13) L-estensjonijiet għall-konnessjonijiet man-netwerk ta' 11kV jew aktar għandhom jiġu ċċarġjati bi spiża flimkien ma' kontribuzzjoni vultaġġ għoli għall-użu eżistenti tal-infrastruttura.

Titolu tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fuq l-art tas-*substation*.

**13.** (1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jakkwista l-art tas-*substation* li fuqha ġiet jew għandha tiġi żviluppata *substation*, bi sjieda sħiħa, taħt titolu ta' kiri, jew b'kommodat, fid-diskrezzjoni tiegħu, ħlief meta titolu speċifiku jkun meħtieġ skont dawn ir-regolamenti.

(2) Fejn is-*substation* tkun se tintuża sabiex testendi konnessjoni waħda (1) jew aktar lil persuna għajr is-sid tal-art tas-*substation,* l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jakkwista l-art tas-*substation* skont it-titolu ta' sjieda sħiħa. Irrispettivament mit-titolu li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni oriġinarjament jakkwista fuq *substation,* fejn *substation* hija sussegwentement meħtieġ jew użat sabiex jestendi konnessjoni waħda (1) jew aktar lil persuna għajr is-sid tal-art tas-*substation,* l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu, fuq talba magħmula lis-sid tal-art tas-*substation,* jakkwista l-art tas-*substation* bit-titolu ta' sjieda sħiħa.

(3) Kwalunkwe art tas-*substation* li fuqha l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jkollu l-ebda titolu, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għandha tiġi ttrasferita lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew permezz ta' sjieda sħiħa, kiri jew kommodat skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament, fuq talba magħmula mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni lis-sid tal-art tas-*substation*. F'każijiet bħal dawn, il-valur tal-art għandu jkun ivvalutat skont ir-regolament 14.

(4) L-art tas-*substation* akkwistata taħt it-titolu ta' kiri jew kommodat, skont dawn ir-regolamenti għandha, fejn dik l-art tas-*substation* ma tkunx għadha meħtieġa mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, tiġi trasferita lura lis-sid soġġett għall-waqfien tal-ħlas annwali tal-kera jew ħlas ieħor rikonoxxut, skont il-każ, u soġġett għall-pussess mill-ġdid tat-tagħmir tas-*substation* mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. l-ebda drittijiet bħal dawn ma għandhom jibqgħu jeżistu, fejn l-art tas-*substation* kienet akkwistata minn operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bit-titolu ta' sjieda sħiħa, f'liema każ, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jibqa' s-sid assolut tiegħu, diment li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jagħżel li jittrasferixxi s-sjieda tas-*substation* u l-art tas-*substation* (eskluża kwalunkwe tagħmir tas-*substation*) bi skambju għal kumpens ġust li jitħallas lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

Valutazzjoni tal-art tas-*substation*.

**14.** (1) F'dawk iċ-ċirkostanzi fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkun meħtieġ jikkumpensa lis-sid tal-art tas-*substation* għat-trasferiment ta' tali art tas-*substation* bi sjieda sħiħa, il-valur tal-art tas-substation rilevanti għandu jiġi ddeterminat wara valutazzjoni magħmula minn Perit skont dan ir-regolament. Jekk il-valutazzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija f'dan ir-regolament, il-valutazzjoni għandha titqies bħala invalida u għandha ssir mill-ġdid.

(2) Kull rapport ta' valutazzjoni magħmul minn Perit maħtur mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jinkludi l-metodoloġija użata sabiex jiġi stmat il-valur. Matul it-tħejjija tar-rapport ta' valutazzjoni, il-Perit jista' jfittex l-għajnuna ta' esperti oħra f'oqsma differenti, liema għajnuna għandha tiġi mbagħad indikata fir-rapport ta' valutazzjoni.

(3) Ir-rapport ta' valutazzjoni magħmul mill-Perit għandu jinkludi l-informazzjoni li

ġejja:

(a) id-data tal-valutazzjoni;

(b) l-istat tal-proprjetà fid-data tal-valutazzjoni;

(ċ) il-metodu użat sabiex tkun saret il-valutazzjoni; u

(d) id-dikjarazzjoni tal-Perit kif ukoll esperti oħra involuti fil-valutazzjoni, li jiddikjaraw li ma għandhom l-ebda kunflitt ta' interess fid-data tal-valutazzjoni.

(4) Id-drittijiet tal-Perit maħtur esternament mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom jiġu kkalkulati skont it-Tariffa K tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

Iżda d-drittijiet individwali għal kull valutazzjoni ma għandhomx jeċċedu l-ammont ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500) għal kull rapport.

(5) Id-drittijiet tal-Perit għandhom jitħallsu mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

Installazzjonijiet elettriċi.

L.S. 545.24.

**15.** (1) L-installazzjonijiet elettriċi maħsuba sabiex jiġu konnessi man-netwerk jew kwalunkwe alterazzjoni, estensjoni jew modifika fuq installazzjonijiet elettriċi diġà konnessi man-netwerk għandhom jitwettqu u jiġu ċċertifikati skont ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi.

(2) L-ibbilanċjar effettiv f'marġni ta' għaxra fil-mija (10%) tal-load konnessa għandu jinżamm fuq l-installazzjonijiet elettriċi kollha għad-dawl, l-enerġija, it-tisħin u RES.

(3) Kwalunkwe konnessjoni li tinstab li mhix sigura għandha tiġi sospiża mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u għandha tiġi konnessa mill-ġdid man-netwerk biss wara ċertifikazzjoni minn provditur awtorizzat li l-installazzjoni elettrika tkun saret sigura. Għandu japplika dritt ta' konnessjoni mill-ġdidkif stipulat fil-partita 15 tas-Sitt Skeda.

L.S. 545.24.

(4) L-installazzjonijiet elettriċi, jew partijiet minnhom, debitament konnessi ma', jew li jiffurmaw parti mis-sistema ta' distribuzzjoni, jistgħu jiġu ttestjati mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fi kwalunkwe ħin u jekk tali installazzjoni elettrika tinstab li ma tkunx konformi ma' kwalunkwe rekwiżit ta' dawn ir-regolamenti, ir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi, il-kodiċi tan-netwerk jew EN 50549, il-konnessjoni tista' tiġi

sospiża mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sakemm l-alterazzjonijiet u t-tiswijiet meħtieġa jkunu saru bi spejjeż tal-klijent u ċċertifikati kif xieraq minn provditur awtorizzat. Dan is-subregolament għandu japplika wkoll għall-konnessjonijiet tan-network imsemmija fir-regolament 21(7).

(5) Sakemm l-installazzjoni elettrika mhux konformi jew difettuża ma tiġix konformi fi żmien xahar (1) mit-twettiq tat-test imsemmi fis-subregolament (4), il-klijent għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż, li ma għandhomx ikunu inqas mid-drittijiet stabbiliti fis-Sitt skeda, imġarrba mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fil-forniment tal-konnessjoni, inkluża kwalunkwe estensjoni tal-infrastruttura tagħha.

(6) Fil-każ li installazzjoni elettrika tkun teħtieġ ittestjar mill-ġdid, il-klijent għandu jintalab iħallas l-ispejjeż ta' dawn it-testijiet skont il-partita 7 tas-Sitt Skeda.

(7) Tagħmir elettriku, apparat jew magni 'il fuq minn 1.5kW ma għandhomx ikunu konnessi man-netwerk sakemm it-tagħmir imsemmi ma jkunx mgħammar sabiex jaħdem b'power factor kif stipulat fil-kodiċi tan-netwerk.

Installazzjonijiet temporanji.
L.S. 545.24.

**16.** (1) Installazzjoni temporanja għandu jkollha mezzi ta' skonnessjoni u protezzjoni kif stipulat fir-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi.

(2) L-iskonnettjar, il-protezzjoni u tagħmir ieħor ta' kontroll meħtieġ għall-installazzjonijiet temporanji għandhom jinżammu f'insulated weatherproof enclosure Ingress Protection rating (IP 54 jew aħjar) li għandha tinkludi wkoll il-miter tal-elettriku u l-fuses tal-provvista installati mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. L-applikant għandu jagħmel arranġamentisa biex l-insulated weatherproof enclosure tiġi installata qrib il-punt ta' provvista tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u li ma tistax tintlaħaq. Il-klijent għandu jkun responsabbli għall-wajers mill-insulated weatherproof enclosure sal-punt tal-konsum u għandu jiżgura li s-sistema tal-wajers ma tippreżenta l-ebda xkiel jew periklu għal partijiet terzi.

(3) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun responsabbli sabiex jikkonnettja l-kejbil tal-input mas-sors tal-provvista u jerġa' jiskonnettjah wara l-avveniment li għalih tkun saret l-applikazzjoni. Kejbils deħlin u ħerġin għandhom jidħlu u jħallu rispettivament l-għeluq minn taħt u għandhom ikunu glanded.

(4) Konnessjonijiet ta' servizz temporanju ma' installazzjonijiet temporanji għandhom jiġu pprovduti għat-tul ta' żmien u għad-dritt applikabbli kif stipulat fil-partita 4 tas-Sitt Skeda.

Muturi.

**17.** (1) Il-kurrent tal-bidu u tal-aċċellerazzjoni meħud mil-linja ma għandux jeċċedi darbtejn u nofs il-kurrent b'*load* sħiħa għall-muturi kklassifikati 1.5kW sa 7.5kW, u l-kurrent ta' darbtejn b'*load* sħiħa għall-muturi kklassifikati 7.5kW sa 30kW.

(2) Għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li jispeċifika l-kundizzjonijiet li jillimitaw il-kurrent li taħthom għandha tingħata konnessjoni man-netwerk għall-fini ta' sewqan ta' muturi gradati 30kW jew aktar .

(3) Il-konnessjoni ta' *motor loads* gradati 'l fuq minn 1.5kW għandhom ikunu tat-tip *three phase* u għandhom ikunu provduti b'mezzi sabiex jillimitaw il-kurrent tal-bidu sakemm dan ir-rekwiżit ma jiġix irrinunzjat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(4) L-istartjar dirett "across-the-line" ma għandux ikun permess għal muturi *three phase* gradati aktar minn 1.5kW. Il-kurrent tal-bidu ta' mutur *single phase* għandu jkun soġġett għall-approvazzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(5) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (4) ma għandhomx japplikaw meta l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkun sodisfatt li r-rekwiżiti tagħhom jistgħu jiġu rinunzjati.

Dħul u aċċess għall-fond.

**18.** (1) Kwalunkwe uffiċjal jew persuna oħra awtorizzata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni tista' f'kull ħin raġonevoli tidħol fi kwalunkwe fond bil-għan li:

(a) tinstalla konnessjoni ġdida man-netwerk;

(b) timmodifika jew issewwi konnessjoni eżistenti;

(ċ) taqra, tittestja, tneħħi jew tibdelil-miter;

(d) tispezzjona, tittestja, tiskonnettja jew tneħħi kwalunkwe konnessjoni man-netwerk jew impjant elettriku ieħor (inklużi l-fuses prinċipali) li jkunu proprjetà tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;

(e) twettaq spezzjonijiet;

(f) twettaq spezzjoni tal-fond bl-għan li tiġi aċċertata l-load installata fil-fond;

(g) twettaq kwalunkwe att ieħor kif jista' jitqies meħtieġ jew mixtieq mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu.

(2) Is-setgħa ta' dħul ma tistax tiġi eżerċitata sakemm ma tkunx ingħatat avviż bil-miktub ta' mill-inqas erbat (4) ijiem tax- xogħol lis-sid jew lill-okkupant tal-fond. L-

imsemmi avviż għandujinkludi d-data, il-ħin approssimattiv u l-iskop għaż-żjara. Għandu jkun fih ukoll id-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(3) Il-klijent jista' jitlob lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sabiex jiskeda mill-ġdid iż-żjara notifikata fis-subregolament (2):

Iżda l-imsemmija talba għandha ssir mill-inqas jumejn (2) tax-xogħol qabel iż-żjara skedata u fin-nuqqas ta' dan, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', fid-diskrezzjoni unika tiegħu, iżomm id-data u l-ħin oriġinali indikati fl-avviż mibgħut lill-klijent fis-subregolament (2):

Iżda wkoll id-data l-ġdida ma għandhiex testendi lil hinn minn sebat (7) ijiem tax-xogħol mid-data oriġinali, sakemm l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jqisx, abbażi ta' dokumentazzjoni jew evidenza oħra li turi li l-klijent ma jistax jkun preżenti, xieraq li d-data tiġi estiża ulterjorment. Minkejja dan ta' hawn fuq, fl-ebda każ ma jista' l-klijent jitlob skedar mill-ġdid lil hinn mill-perjodu ta' sittin (60) jum tax-xogħol mid-data tal-appuntament oriġinali.

(4) Fil-każ ta' emerġenza li tirriżulta minn ħsarat f' installazzjonijiet elettriċi, id-dħul jista' jsir skont is-subregolament (1) mingħajr l-avviż meħtieġ fis-subregolament (2) iżda għandu jingħata avviż malajr kemm jista' jkun wara li sseħħ l-emerġenza.

(5) Bla ħsara għal kwalunkwe liġi oħra, persuna tista' teżerċita biss setgħa ta' dħul konferita minn dawn ir-Regolamenti fuq il-preżentazzjoni ta' dokument awtentikat kif xieraq li juri l-identità tagħha u l-awtorità tagħha li taġixxi f'isem l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. Għal dan l-għan, tali persuna għandha dejjem iġġorr u żżomm magħha meta tkun qed iżżur kwalunkwe fond, karta tal-identifikazzjoni maħruġa mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. Il-klijenti jistgħu jirrifjutaw l-aċċess lil kwalunkwe persuna li tonqos milli tipproduċi tali pass ta' identifikazzjoni meta jżuru l-fond.

Fond mikri.

**19.** (1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jeħtieġ li sid il-kera jorbot lilu nnifsu *in solidum* mal-kerrej għall-ħlas regolari tal-ammonti kollha li jistgħu jsiru dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(2) Sid il-kera li, skont is-subregolament (1) huwa marbut *in solidum* mal-kerrej, għandu jitqies li hu l-klijent għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Fejn il-fond mikri jkun okkupat minn żewġ (2) persuni mhux relatati jew aktar u jkun moqdi minn miter wieħed (1), sid il-kera għandu jitqies bħala l-klijent għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Sid il-kera li jikri kwalunkwe fond fornut bl-elettriku mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għal perjodu ta' aktar minn tliet (3) xhur lil persuni mhux residenti b'mod permanenti f'Malta, għandu jagħti avviż bil-miktub dwar dan lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. L-avviż għandu jkun fih l-isem sħiħ tal-kerrej, il-perjodu miftiehem tal-kirja, u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tintalab b'mod raġonevoli mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. Fejn sid il-kera jonqos milli jagħti l-imsemmi avviż jew l-informazzjoni li tinsab fl-avviż ma tkunx korretta, sid il-kera għandu, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (5), jkun responsabbli *in solidum* għal kwalunkwe dejn imġarrab mill-kerrej b'rabta mal-provvista tal-elettriku lill-fond.

(5) Fejn il-fond fornut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jinkera lil kwalunkwe persuna, jew espressament jew b'mod taċitu, bil-ġimgħa, bix-xahar jew għal inqas għal tliet (3) xhur, jew fejn il-fond jinkera għal aktar minn tliet (3) xhur iżda jkun okkupat biss mill-kerrej għal perjodu ta' inqas minn tliet (3) xhur, sid il-kera għandu jkun responsabbli *in solidum* mal-kerrej għal kwalunkwe dejn imġarrab mill-kerrej b'rabta mal-provvista tal-elettriku lill-fond.

(6) Għall-finijiet tar-regolament 6, sid il-kera għandu jitqies bħala l-klijent u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jitlob id-depożitu rilevanti u, jew is-sigurtà minn sid il-kera, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

Kontijiet tal-klijenti.

**20.** (1) Il-kontijiet għandhom jinħarġu lill-klijenti għal dawk il-perjodi li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jiddetermina jew b'mod ġenerali jew fir-rigward ta' klijenti jew klassijiet speċifiċi ta' klijenti.

(2) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jitlob ħlas proviżorju akkont mingħand kwalunkwe klijent. L-imsemmija ħlasijiet proviżorji għandhom jiġu kkalkulati fuq

il-bażi ta':

(a) il-konsum medju stmat ta' kuljum tal-klijent; jew

(b) il-konsum medju ta' kuljum stmat ta' klijent ta' klassi simili bħal dak tal-klijent:

Iżda l-intervall bejn dawn it-talbiet għal ħlas proviżorju ma jistax ikun inqas minn xahar (1) u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, fuq talba magħmula minn klijent, jista' jimmodifika dawn it-talbiet għal ħlas provviżorju fid-dawl taċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari.

(3) Għall-finijiet ta' kalkolu ta' kwalunkwe kont li għandu jinħareġ biex jintalbu ħlasijiet minn klijent, frazzjonijiet ta' inqas minn ċenteżmu fl-ammont totali dovut mill-klijent ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

(4) L-imgħax bir-rata ta' żero punt seba' ħamsa fil-mija (0.75%) fix-xahar, ikkalkulat kuljum, għandu jiġi impost fuq il-klijenti fuq l-ammonti kollha dovuti irrispettivament mill-perjodu li għalih tirreferi l-fattura jekk l-ammont indikat f'din il-fattura ma jiġix saldat fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum mid-data speċifikata fiha:

Iżda għall-ammonti kollha li jkunu għadhom dovuti mal-iskadenza tal-ħamsa u erbgħin (45) jum imsemmija qabel, l-imgħax għandu jiġi impost biss wara l-ħmistax-il jum), għall-aħħar tletin (30) jum tal-perjodu msemmi tal-ħamsa u erbgħin (45) jum, u minn hemm 'il quddiem, għal kull tletin (30) jum addizzjonali jew parti minnhom.

Nuqqas ta' ħlasijiet, sospensjoni u skonnessjoni.

**21.** (1) Meta klijent ma jkunx ħallas, fiż-żmien meħtieġ, il-ħlasijiet kollha dovuti minnu lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fir-rigward tal-provvista tal-elettriku lil kwalunkwe fond jew installazzjoni temporanja jew il-forniment ta' miter tal-elettriku, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jissospendi l-provvista:

Iżda fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jeżerċita d-diskrezzjoni sabiex jissospendi l-provvista lil, u, jew jiskonnettja klijent, tali diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata skond proċedura pubblikata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għal dak l-iskop, biex tikkomplementa d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament:

Iżda wkoll l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma għandux jissospendi l-provvista tal-elettriku lil, u lanqas ma għandu jiskonnettja, lil klijenti vulnerabbli fejn dan ikun ipprojbit skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku.

(2) Fejn il-ħlasijiet imsemmija fis-subregolament (1) jiddewwem għal perjodu ta' aktar minn tliet (3) xhur, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jiskonnettja l-konnessjoni man-netwerk u jneħħi l-miter.

(3) Fejn il-konnessjoni ma' fond jew installazzjoni temporanja tiġi sospiża skont is-subregolament (1), il-klijent għandu jkun meħtieġ iħallas dritt ta' konnessjoni mill-ġdid skont il-partita 15 tas-Sitt Skeda sabiex terġa' tiddaħħal il-konnessjoni. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jikkonnettja mill-ġdid il-fond jew l-installazzjoni temporanja fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa minn meta jsir il-ħlas mill-klijent, ħlief fejn dan ma jkunx prattiku minħabba raġunijiet barra mill-kontroll tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, bħal kundizzjonijiet ħżiena tat-temp.

(4) Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkun awtorizzat mis-subregolament (2) sabiex jiskonnettja kwalunkwe fond jew installazzjoni temporanja jew ineħħi miter, kwalunkwe uffiċjal jew persuna oħra awtorizzata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni tista' f'kull ħin raġonevoli tidħol fil-fond jew f'post ieħor fejn tinsab l-installazzjoni temporanja għall-finijiet tal-iskonnettjar tal-fond jew l-installazzjoni temporanja jew it-tneħħija tal-miter:

Iżda l-imsemmija setgħa ta' dħul tista' tiġi eżerċitata biss jekk ikun ingħata avviż ta' mill-inqas jumejn (2) tax-xogħol lis-sid jew lill-okkupant tal-fond jew ta' post ieħor.

(5) Kull meta l-aċċess għall-fond jew post ieħor, għall-finijiet ta' skonnessjoni u tneħħija tal-miter skont is-subregolamenti (2) u (4) ma jkunx possibbli jew minħabba l-oppożizzjoni offruta mill-klijent, jew minħabba li l-fond jew l-unità ta' installazzjoni temporanja jinstabu inaċċessibbli f'aktar minn okkażjoni waħda, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun intitolat li jissospendi l-konnessjoni mingħajr ebda avviż preċedenti billi jiskonnettja l-installazzjoni elettrika fis-sors ewlieni, kemm jekk din tinsab 'il fuq mill art jew taħt l-art, u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jirkupra kwalunkwe spiża mġarrba biex jagħmel dan, mingħand il-klijent.

(6) Is-setgħat tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skont is-subregolamenti (1) u

(2) ma jistgħux jiġu eżerċitati fir-rigward ta' kwalunkwe ammont li huwa kkontestat mill-klijent in *bona fede*, u sakemm ma tkunx ingħatat notifika bil-miktub ta' mhux inqas minn sebat (7) ijiem lis-sid jew lill-okkupant tal-fond jew tal-installazzjoni temporanja tal-intenzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li jeżerċita l-imsemmija setgħat.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, fejn il-konnessjoni man-netwerk ta' kwalunkwe klijent, u, jew l-użu tagħha, titqies li tkun ta' detriment għas-servizzi mogħtija mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni lil klijenti oħra, inkluż mingħajr limitazzjoni fil-każ ta' varjazzjonijiet fil-vultaġġ u l-ġenerazzjoni tal-armoniċi, tali klijent għandu jkun meħtieġ jinstalla bi spejjeż tiegħu, it-tagħmir korrettiv u, jew protettiv meħtieġ fil-fond rilevanti jew l-installazzjoni temporanja u għandu jipproduċi ċertifikat tat-test kif jista' jkun meħtieġ mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. Dan is-subregolament għandu japplika wkoll għall-konnessjonijiet man-netwerk li magħhom huma konnessi l-installazzjonijiet elettriċi msemmija tar-regolament 15(4).

Miters.

**22.** (1) Il-ġenerazzjoni, l-elettriku importat minn u, jew l-esportazzjoni lejn in-netwerk ta' distribuzzjoni għall-finijiet ta' kontijiet għandhom jitkejlu permezz ta' miter (jew tagħmir ta' kejl) ipprovdut u miżmum f'kundizzjoni tajba ta' tħaddim mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni:

Iżda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu japprova l-installazzjoni ta' miters minn aġent li jaġixxi f'ismu filwaqt li jżomm id-dritt li jittestja jew jitlob kwalunkwe test sabiex jiżgura l-funzjonament xieraq tal-imsemmija miters.

(2) Il-miters għandhom f'kull ħin jibqgħu l-proprjetà tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(3) Il-miter għandu jiġi installat fil-fond jew fl-installazzjoni temporanja mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u għandu jiġi mwaħħal f'post li jkun konvenjenti u faċli sabiex jiġi aċċessat u qrib kemm ikun raġonevolment prattikabbli tad-dħul ewlieni tal-fond jew tal-iżvilupp kif jista' jiġi ddeterminat mill-operatur tad-distribuzzjoni, li għandu jaġixxi b'mod raġonevoli.

(4) Jekk l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jqis li dan ikun meħtieġ, għandhom jittieħdu miżuri ta' sikurezza għall-protezzjoni tal-miter, liema miżuri għandhom jitħallsu mill-klijent. Il-miters għandhom ikunu magħluqa f'għeluq tal-injam jew tal-metall ertjat jekk jitqiegħdu ġewwa, jew f'insulated weatherproof enclosure adatt jekk jitqiegħed barra. L-

għoli tal-installazzjoni tal-miter ma għandux ikun inqas minn żero punt sebgħa ħames (0.75m) metri u mhux aktar minn wieħed punt tmienja ħames (1.85m) metri mil-livell lest tal-art. Fi żviluppi ta' klijenti multipli, kull miter għandu jiġi konness mal-unità ta' bini tal-klijent permezz ta' kejbils tal-provvista prinċipali separati u indipendenti. Il-miters għandhom jiġu segregati bl-użu ta' enclosure separat minn kwalunkwe miter tal-ilma:

Iżda r-rekwiżit li l-miters tal-elettriku jiġu ssegregati minn kwalunkwe miter tal-ilma għandu, fir-rigward tal-miters tal-elettriku installati qabel id-data tad-dħul ta' dawn ir-regolamenti, ikun effettiv u infurzabbli tnax (12)-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

(5) Il-miters tal-ħlas minn qabel għandhom jiġu installati skont id-diskrezzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minflok il-miters ordinarji.

(6) Fejn klijent iforni, jew jippermetti l-provvista tal-elettriku li jgħaddi mill-miter tal-imsemmi klijent lil unità oħra ta' bini u, jew fond u, jew post u, jew bi kwalunkwe mod ieħor jew għal kwalunkwe skop ieħor barra l-unità ta'bini, il-fond jew il-post fejn tinsab l-installazzjoni temporanja jew il-miter, jew żona diġà fornuta bl-elettriku minn punt ta' konnessjoni ieħor jew li għandha aċċess fiżiku jew maħsub sabiex jintuża minn fond fornut elettriku minn punt ta' konnessjoni ieħor, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jiskonnettja l-konnessjoni man-netwerk tal-klijent għal tali perjodu li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jiddetermina jew sakemm din is-sitwazzjoni tiġi rettifikata:

Iżda dan ir-regolament ma għandux japplika meta tali provvista tal-elettriku hija lil u, jew minn:

(a) garaxx privat li jkun maġenb il-fond residenzjali okkupat mill-imsemmi klijent, kemm jekk ikollu aċċess dirett għal u minn tali fond residenzjali kif ukoll jekk le, u jintuża biss mill-imsemmi klijent, jew minn persuni li jirrisjedu fil-fond residenzjali, iżda l-ebda persuna oħra ma jkollha dritt, bi ħlas, li tagħmel użu mill-istess garaxx;

(b) iż-żoni barra awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti sabiex jintużaw għal skopijiet kummerċjali, u li jkunu maġenb il-fond tal-klijent, bħal, iżda mhux limitati għal, żoni ta' bilqiegħda fuq barra li jiffurmaw parti minn stabbiliment tal-catering, iżda li ma jkunux permessi estensjonijiet ta' provvista minn fond għal żona separata minn dak il-fond permezz ta' triq pubblika jew proprjetà privata ta' parti terza;

il-provvista tal-elettriku estiża minn unità ta' bini li tospita ministeru jew

dipartiment tal-Gvern għall-punti tal-iċċarġjar tal-EV, awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, li jinsabu fuq bankini pubbliċi.

(d) sistemi fotovoltajċi konnettjati ma' miters f'unità ta' bini li ma tkunx konnessa fiżikament mal-bejt li jospita s-sistema fotovoltajka fl-istess blokka tal-bini;

unitajiet ta' barra tal-arja kkundizzjonata, pompi tal-pressjoni tal-ilma u tagħmir elettriku ieħor li jinsab fiż-żona tas-saqaf konnettjati ma' miters f'unità ta' bini li mhijiex konnessa fiżikament mas-saqaf li jospita t-tagħmir fl-istess blokka tal-bini:

L.S. 545.24.

Iżda wkoll fil-każijiet ta' hawn fuq l-installazzjoni elettrika għandha tkun konformi mar-Regolamenti dwar l-Installazzjonijiet Elettriċi.

(7) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', f'ċerti ċirkostanzi u għal perjodu speċifikat, fuq talba ta' klijent, jippermetti l-provvista tal-elettriku permezz tal-miter tal-klijent għal fond wieħed(1) jew aktar u, jew żoni oħra minbarra l-fond jew l-installazzjoni temporanja tal-klijent.

(8) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', fuq talba ta' klijent, jipprovdi provvista b'mod ieħor milli permezz ta' miter f'ċirkostanzi li jistgħu jiġu preskritti. L-imsemmi arranġament għandu jkun regolat bi ftehim bejn il-klijent u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, skont termini miftiehma miż-żewġ partijiet.

(9) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jagħti provvista mingħajr kejl lil klijent skont is-subregolament (8), soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-load tad-disinn fuq kull konnessjoni tkun f'kull ħin load kostanti;

(b) is-*cyclic loading* u l-*fast fluctuating loads* għal kull konnessjoni jkunu skont il-Kodiċi tan-Netwerk jew *standards* oħra stabbiliti mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;

(ċ) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', minn żmien għal żmien, ikejjel il-konsum sabiex jistabbilixxi punt ta' riferiment għas-sistema kollha kemm hi, u sabiex jittestja l-preċiżjoni tal-kalkoli għall-finijiet tal-kontijiet;

(d) il-klijent iħallas lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, fuq bażi ta' kull tliet (3) xhur, ammont ibbażat fuq il-konsum ikkalkulat:

Iżda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkollu d-dritt fl-aħħar ta' kull sena kalendarja li jaġġusta kwalunkwe kalkolu għal dik is-sena kalendarja li tkun għaddiet li jkun sar kif imsemmi fuq il-bażi ta' kwalunkwe test imwettaq skont il-paragrafu (ċ) u li jitlob ħlas xieraq lill-klijent.

Tneħħija utbagħbis tal-miters.

(10) Id-dritt kif stipulat fil-partita 3 tas-Sitt Skeda għandu jiġi impost mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għas-sostituzzjoni jew għat-tneħħija ta' miter, meta dan il-miter għandu jitneħħa jew jiġi mibdul fuq talba tal-klijent li japplika għat-tneħħija jew is-sostituzzjoni tiegħu.

(11) Il-klijent jista', fi kwalunkwe ħin, billi jissottometti l-applikazzjoni xierqa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, jitlob sabiex il-konnessjoni mal-fond tiegħu jew mal-installazzjoni temporanja tiegħu tiġi skonnettjata u jitneħħa l-miter irreġistrat f'isem il-klijent:

Iżda l-klijenti għandhom jibqgħu responsabbli għall-ħlas tal-miter u kwalunkwe ammont dovut fir-rigward tal-konsum tal-elettriku rreġistrat mill-miter sa dak iż-żmien li, jew il-miter jitneħħa mill-fond jew l-installazzjoni temporanja mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, jew issir dikjarazzjoni mill-klijent irreġistrat li l-konnessjoni ma tkunx qed tintuża minn data li għandha tiġi ddikjarata mill-klijent fl-applikazzjoni rilevanti, u wara li l-klijent ikun ħallas kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut skont dawn ir-regolamenti fir-rigward ta' dik il-konnessjoni.

(12) Il-klijent li fuq talba tiegħu tkun ġiet ipprovduta konnessjoni mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skont dawn ir-regolamenti għandu, bla ħsara għall-ħlas ta' drittijiet applikabbli fis-Sitt Skeda, ikun meħtieġ li jħallas lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni l-ispejjeż li jkunu saru b'mod raġonevoli sabiex jipprovdi l-konnessjoni jew iwettaq ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex jipprovdi l-konnessjoni, fejn il-klijent jew jonqos milli jaċċetta l-installazzjoni tal-miter fi żmien ġimgħa wara notifika bil-miktub lill-klijent dwar l-intenzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li jinstalla dan il-miter, jew jeħtieġ skonnessjoni tal-installazzjoni u t-tneħħija tal-miter f'perjodu ta' sena (1) mid-data tal-konnessjoni.

(13) Jekk klijent jonqos milli jagħti aċċess għal, jew b'xi mod ieħor jipprevjeni, lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni milli jneħħi l-miter, kemm jekk il-miter jitneħħa fuq talba ta' klijent kif ukoll jekk skont id-diskrezzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, -l-imsemmi klijent għandu jkun responsabbli għall-ħlas tal-miter sad-data tat-tneħħija tiegħu.

(14) Il-miters għandhom jiġu ssiġillati mill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni u tali siġilli ma għandhomx jinkisru, issirilhom ħsara jew jiġu mbagħbsa bl-ebda mod mill-klijent. L-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni għandu jkun intitolat li jitlob dritt kif stipulat fis-Sitt Skeda jekk jinstab li xi miter jew siġill, b’riżultat ta’ spezzjoni, ikun bil-ħsara, imbagħbas jew nieqes. Barra minn hekk, il-klijent għandu jkun meħtieġ iħallas il-ħlasijiet tal-provvista abbażi ta’ stima tal-perjodu tal-konsum preċedenti.

Qari u ttestjar tal-miters.
L.S. 545.34.

(15) Il-miters għandhom jinqraw perjodikament mill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni skont ir-Regolamenti dwar l-Elettriku.

(16) Meta klijent, wara li jingħata avviż raġonevoli, jonqos milli jipprovdi aċċess lil persuna awtorizzata mill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni għall-finijiet tal-qari tal-miter, l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni, salv id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 18 u 21, għandu jkompli jitlob lill-klijent l-imposta tal-miter kif applikabbli iżda m’għandux, fin-nuqqas ta’ spjegazzjoni raġonevoli għal dan in-nuqqas, jikkredita lill-klijent bi kwalunkwe konsum liberu għall-perjodi li matulhom il-fond ma kienx miftuħ għat-teħid tal-qari tal-miter:

Iżda l-klijent jista’ jipprovdi l-qari lill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni għall-finijiet ta’ kontijiet, soġġett għall-fatt li l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni jingħata aċċess għat-tagħmir tal-kejl sabiex jivverifika, u jekk ikun meħtieġ jaġġusta, il-qari pprovdut mill-klijent.

(17) Jekk il-klijent jonqos jew jirrifjuta li jipprovdi aċċess għall-fond tiegħu għall-finijiet tal-qari tal-miter jew sabiex jivverifika l-qari pprovdut minnu, jew jekk l-aċċess għall-istess għan isir diffiċli jew impossibbli mill-klijent, għal perjodu li jeċċedi xahrejn (2) mill-avviż imsemmi fis-subregolament (16), l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni jista’ jissospendi l-konnessjoni tal-klijent rilevanti.

(18) Il-qari speċjali tal-miters jista’ jittieħed fil-jiem tax-xogħol u fil-jiem mhux tax-xogħol fi kwalunkwe ħin li l-klijent jista’ jitlob, u l-miżati applikabbli fil-partita 14 tas-Sitt Skeda għandhom jiġu imposti.

(19) L-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni għandu jittestja l-miter fuq talba mill-klijent, li jista’ jkun preżenti għal dan it-test. L-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni għandu jagħti lill-klijent avviż bil-miktub ta’ mhux inqas minn jumejn (2) tax-xogħol permezz ta’ mezzi stampati jew elettroniċi tad-data u l-ħin approssimattiv tat-test. Barra minn hekk, l-avviż għandu jkun fih id-dettalji ta’ kuntatt tar-rappreżentant tal-operatur tas-sistema ta’

distribuzzjoni. Jekk it-test għandu jitwettaq f'post differenti mill-post tal-klijent, il-post tat-test għandu jiġi indikat ukoll fl-avviż.

(20) Ħlief għal żbalji evidenti, il-klijent għandu jaċċetta r-riżultat tat-test bħala finali u l-konsum tal-elettriku mid-data tat-tneħħija tal-miter għall-iskop tat-ittestjar, għandhom jiġu kkalkulati skont ir-riżultati tat-test, u jiġu addebitati kif xieraq.

(21) Meta l-miter li jiġi ttestjat fuq talba ta' klijent jinstab li jkun qed jaħdem b'mod korrett, jiġifieri, f'limitu ta' aktar minn jew inqas minn tnejn fil-mija (2%), il-klijent għandu jkun obbligat li jħallas il-miżata rilevanti kif stipulat fil-partita 13 tas-Sitt Skeda.

(22) klijent għandu jinnotifika bil-miktub lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minnufih malli jsir konxju li miter ma jkunx qed jaħdem sew. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu, malajr kemm prattikabbli, isewwi jew jissostitwixxi l-miter, u għandu jingħata lill-klijent rekord tal-qari tal-miter il-ġdid fil-ħin tal-installazzjoni tiegħu.

(23) Il-konsum tal-elettriku fir-rigward tal-perjodu bejn il-qari minnufih qabel il-qari li fir-rigward tiegħu l-miter jinstab li huwa difettuż u l-installazzjoni ta' miter ġdid jew tiswija tal-miter, skont il-każ, għandu jiġi kkalkulat skont is-subregolamenti (24) jew (25), kif ordnat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(24) Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jordna li l-konsum imsemmi fis-subregolament (23) għandu jiġi kkalkulat skont dan is-subregolament, l-imsemmi konsum għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tar-rata medja ta' konsum ta' kuljum:

(a) matul il-perjodu korrispondenti tal-aħħar sena preċedenti;

(b) matul il-perjodu bejn iż-żewġ (2) qari immedjatament qabel il-qari li fir-rigward tiegħu l-miter instab li kien qed jaħdem ħażin; jew

(ċ) matul il-perjodu bejn id-data tal-installazzjoni tal-miter il-ġdid jew it-tiswija tal-miter, skont il-każ, u data sussegwenti li għandha tiġi ddeterminata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(25) Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jordna li l-konsum imsemmi fis-subregolament (23) għandu jiġi kkalkulat skont dan is-subregolament, l-imsemmi konsum għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tar-rata medja ta' konsum ta' kuljum matul il-perjodu bejn id-data tal-installazzjoni tal-miter li nstab li kien qed jaħdem ħażin, jew id-data li fiha l-klijent

sar responsabbli fir-rigward tal-fond jew l-installazzjoni temporanja, liema minnhom tkun l-aktar tard, u l-aħħar jum li fih l-miter kien qed jaħdem b'mod korrett, kif jista' jiġi determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni:

Iżda fil-każ ta' klijent li biddel ir-residenza, fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jordna li l-konsum għandu jiġi kkalkulat skont dan is-subregolament, ir-rata medja ta' konsum ta' kuljum fir-rigward tal-perjodu korrispondenti tal-aħħar sena preċedenti fil-post li fir-rigward tiegħu dak il-klijent kien responsabbli l-aħħar qabel il-bidla tar-residenza, għandha tkun il-bażi li fuqha għandu jiġi kkalkulat il-konsum.

Fuses prinċipali.

**23.** (1) Il-fuse prinċipali għandu jiġi fornut u għandu jitqiegħed f'tali pożizzjoni u post kif jista' jiġi determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(2) Il-kaxxa prinċipali tal-fuse jew il-busbar chamber għandha tiġi ssiġillata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun intitolat li jitlob dritt kif stipulat fis-Sitt Skeda jekk jinstab li xi kaxxa tal-fuse, waqt spezzjoni, tkun bil-ħsara, imbagħbsa jew nieqsa.

(3) Il-kaxxa prinċipali tal-fuse jew il-busbar chamber għandha f'kull ħin tibqa' l-proprjetà tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(4) Fejn il-klijent jeħtieġ li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jwettaq tiswijiet li jikkonsistu biss fis-sostituzzjoni ta' fuse wieħed (1) jew aktar, jew fejn it-tort ikun dovut għall-installazzjoni elettrika interna tal-klijent, għandu jiġi impost dritt skont il-partita 17 tas-Sitt Skeda.

(5) Kull meta l-aċċess għall-fond, għat-tneħħija ta' fuse prinċipali ma jkunx possibbli jew minħabba oppożizzjoni offruta mill-klijent, jew minħabba li l-fond jinstab magħluq f'aktar minn okkażjoni waħda, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', wara li jagħti avviż bil-miktub minn qabel b'mezzi stampati jew elettroniċi lill-klijent, jissospendi l-konnessjoni man-netwerk billi jiskonnettja l-installazzjoni fil-mains, kemm jekk fuq kif ukoll taħt l-art. L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun intitolat li jitlob ħlas lill-klijent għall-ispejjeż ta' kwalunkwe xogħlijiet, inklużi xogħlijiet ta' skavar, imwettqa sabiex jippermettu l-iskonnessjoni u t-tneħħija tal-fuse prinċipali.

Tariffi ta' distribuzzjoni u provvista.

**24.** (1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jissottometti, għall-approvazzjoni tar-Regolatur, sett ta' tariffi għall-konnessjoni mas-sistema ta' distribuzzjoni, għad-distribuzzjoni u għall-provvista tal-elettriku fir-rigward ta' kwalunkwe sena kalendarja. It-tariffi għandhom ikunu tali li jipprovdu dħul suffiċjenti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u għandhom b'mod partikolari:

[illegible] dazji mhux rikuperabbli (li jkunu jeskludu taxxa korporattiva fuq il-profitti), u telf akkumulat;

(b) ikunu tali li jippermettu lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sabiex ilaħħaq ma' ħlasijiet lura perjodiċi fuq dejn fit-tul sal-punt li kull ħlas lura bħal dan jeċċedi d-dispożizzjonijiet għal deprezzament;

(ċ) jipprovdu qligħ raġonevoli fuq il-valur ta' ekwità; u

(d) ikunu mfassla sabiex jippromwovu l-effiċjenza fl-użu finali tal-enerġija fis-settur domestiku u residenzjali, kif xieraq.

(2) It-tariffi għandhom jiġu applikati lill-klijenti kollha fuq bażi mhux diskriminatorja u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma għandux jeżerċita preferenza mhux dovuta, jew diskriminazzjoni bla bżonn fil-konfront ta' kwalunkwe persuna jew klassi ta' persuni li jinsabu b'mod simili sakemm l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, wara li kkunsidra l-post u l-ħin tal-konnessjoni, il-kwantità ta' enerġija fornuta, il-fattur tal-load u tal-enerġija meħtieġa, l-iskop li għalih il-konnessjoni hija maħsuba u, jew utilizzata, u kwalunkwe ċirkostanza rilevanti oħra, iqis li huwa meħtieġ li jiġi eżerċitat trattament preferenzjali jew diskriminatorju.

(3) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu, flimkien mat-tariffi proposti, jissottometti lir-Regolatur id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa b'appoġġ għall-proposti tiegħu, inklużi l-metodoloġiji sottostanti għall-kalkolu tat-tariffi u kwalunkwe informazzjoni oħra li r-Regolatur jista' jitlob b'mod raġonevoli. Kwalunkwe talba mir-Regolatur għas-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali għandha ssir fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-proposta mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(4) Kwalunkwe informazzjoni sottomessa lir-Regolatur mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skont dan ir-regolament għandha titqies bħala kunfidenzjali u ekonomikament sensittiva u għandha tiġi ttrattata skont dan.

(5) Ir-Regolatur għandu japprova jew jirrifjuta t-tariffi proposti u għandu jinnotifika

d-deċiżjoni tiegħu lill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sottomissjoni tal-proposta.

(6) Soġġett għas-subregolament (7), fejn ir-Regolatur ikollu l-ħsieb li jirrifjuta t-tariffi proposti, huwa għandu jinnotifika lill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni għal dan l-għan u għandu jagħti lill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni l-opportunità li jagħmel rappreżentazzjonijiet lir-Regolatur qabel ma jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

(7) Ir-Regolatur jista’ jirrifjuta biss it-tariffi proposti meta dawn it-tariffi jonqsu milli jikkonformaw mal-kriterji stabbiliti mis-subregolament (1). Kwalunkwe deċiżjoni ta’ rifjut għandha tiddikjara b’mod ċar ir-raġunijiet għar-rifjut.

(8) Bla ħsara għas-subregolament (9), meta t-tariffi proposti jiġu rrifjutati mir-Regolatur skont is-subregolament (7), l-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni għandu jqis ir-raġunijiet għar-rifjut stabbiliti fid-deċiżjoni u jerġa’ jissottometti t-tariffi lir-Regolatur għall-approvazzjoni.

(9) Jista’ jitressaq appell kontra d-deċiżjoni tar-Regolatur quddiem it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva mill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni fi żmien ħmistax (15)-il jum min-notifika tad-deċiżjoni lill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni. L-imsemmi appell jista’ jitressaq fuq punti ta’ fatt u ta’ liġi.

(10) Fid-determinazzjoni ta’ appell, it-Tribunal ta’ Reviżjoni Amministrattiva għandu, inter alia, jieħu kont ta’:

(a) il-prinċipji stabbiliti f’dan ir-regolament;

(b) l-istruttura tat-tariffa proposta mill-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni u kwalunkwe informazzjoni u kull informazzjoni pprovduta lir-Regolatur b’rabta ma’ tali tariffi; u

[illegible] u jista’, kompletament jew parzjalment, jikkonferma, jannulla jew jbiddel id-deċiżjoni appellata, filwaqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu .

Tariffi varjabbli.

(11) L-operatur tas-sistema ta’ distribuzzjoni jista’ jissottometti, għall-approvazzjoni

tar-Regolatur, metodoloġija li għandha tintuża għall-kalkolu ta' tariffi minbarra dawk stabbiliti b'dawn ir-regolamenti. Flimkien mal-proposta, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tal-metodoloġija proposta, inkluż l-użi maħsuba tat-tariffa. Fejn ir-Regolatur ikun jeħtieġ informazzjoni addizzjonali mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, huwa għandu jagħmel it-talba għal tali informazzjoni fi żmien tliet (3) xhur mis-sottomissjoni tal-proposta.

(12) Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jissottometti proposta skont is-subregolament (11), id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (4) sa (10) għandhom japplikaw.

Ftehimiet speċjali.

(13) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jidħol fi ftehimiet speċjali ma' klijent wieħed (1) jew aktar għall-ħlas ta' rati u tariffi barra minn dawk stabbiliti b'dawn ir-regolamenti.

(14) Fejn, fi kwalunkwe ftehim speċjali, ir-rata jew it-tariffa li għandha tiġi imposta tkun differenti mit-tariffi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti jew ma tkunx rata varjabbli jew tariffa kkalkulata skont metodoloġija approvata mir-Regolatur skont is-subregolamenti (11) u (12), l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jikseb approvazzjoni minn qabel tal-metodoloġija mir-Regolatur qabel ma jidħol fil-ftehim speċjali.

Kategoriji tat-tariffi.

(15) Il-provvista tal-elettriku lil fond residenzjali, mhux residenzjali u domestiku għandha tiġi imposta skont l-Ewwel Skeda, it-Tieni Skeda u t-Tielet Skeda, rispettivament.

(16) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu, fi kwalunkwe ħin u fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, filwaqt li jqis id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jiddetermina jekk fond għandux jitqies bħala fond residenzjali, fond mhux residenzjali jew fond domestiku għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(17) Klijent jista' jissottometti applikazzjoni sabiex jikkonnettja fond wieħed (1) jew aktar sabiex jintuża biss u regolarment bħala abitazzjonijiet privati, kif jista' jiġi kkonfermat b'evidenza dokumentata, u jirreġistra dawk l-unitajiet ta' residenza bħala fond domestiku:

Iżda l-provvista lill-partijiet komuni ta' żvilupp li jikkonsisti kompletament f'unitajiet ta' bini użati esklussivament għal skopijiet residenzjali tista' tiġi sottomessa wkoll għar-reġistrazzjoni bħala fond domestiku:

Iżda wkoll sakemm ma jkunx awtorizzat mod ieħor mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, klijent għandu jkun intitolat biss li jirreġistra bħala fond domestiku residenza prinċipali waħda (1), residenza sekondarja waħda (1) u garaxx wieħed (1) li ma jeċċedix ħamsin metru kwadru ($50m^2$) fl-erja u li jintuża esklussivament għal skopijiet privati u mhux kummerċjali:

Iżda wkoll l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jippermetti li fond mhux abitat maħsub għall-użu residenzjali jiġi rreġistrat bħala fond domestiku għal perjodu ta' mhux aktar minn tnax (12)-il xahar, u wara dan, jekk tali fond jibqa' mhux abitat, ma għandux jibqa' permess li jiġi rreġistrat bħala fond domestiku.

(18) Il-klijenti jistgħu japplikaw mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sabiex jirreġistraw individwi li għandhom ir-residenza prinċipali tagħhom f'Malta f'servizz ta' fond residenzjali fir-rigward tal-imsemmija residenza prinċipali:

Iżda l-ebda individwu ma għandu jiġi rreġistrat f'aktar minn servizz wieħed ta' fond residenzjali fl-istess ħin, u li l-ebda individwu ma għandu jiġi rreġistrat f'garaxx jew fil-partijiet komuni ta' żvilupp bħala servizz ta' fond residenzjali.

(19) Fond li mhuwiex irreġistrat bħala fond domestiku jew bħala fond residenzjali skont dan ir-regolament, jew li fir-rigward tiegħu ma hemm l-ebda applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala fond domestiku jew fond residenzjali skont dan ir-regolament, għandu jitqies bħala fond mhux residenzjali, sakemm ma jiġix determinat mod ieħor mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

(20) Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' persuni f'fond kklassifikat bħala fond domestiku jew fond residenzjali:

(a) il-klijenti għandhom jipprovdu bil-miktub lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, fiż-żmien li jista' jkun stipulat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, kull informazzjoni flimkien ma' kull dokument ta' sostenn li jista' jkun meħtieġ għall-iskop ta' dik ir-reġistrazzjoni;

(b) il-klijenti għandhom jinnotifikaw lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bil-miktub bi kwalunkwe bidla fiċ-ċirkostanzi li tifforma l-bażi li fuqha ssir ir-reġistrazzjoni, u din in-notifika għandha ssir sa mhux aktar tard minn xahar (1) mill-okkorrenza tal-imsemmija bidla fiċ-ċirkostanzi;

(ċ) kwalunkwe bidla fin-numru ta' persuni rreġistrati f'fond domestiku jew f'fond residenzjali għandha titqies, għall-fini ta' tali reġistrazzjoni, mid-data tal-ewwel qari perjodiku tal-miter wara li sseħħ il-bidla fin-numru ta' persuni jew mid-data li fiha l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jiġi nnotifikat bil-miktub dwar tali bidla, fid-diskrezzjoni tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni;

(d) persuna li tirrisjedi f'fond tista' tapplika għand l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għal fond, minbarra dak li fih tirrisjedi dik il-persuna, sabiex ikun irreġistrat bħala fond domestiku;

(e) applikazzjoni għandha ssir f'tali forma jew proċedura li tista' tiġi preskritta mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minn żmien għal żmien, u li għandha titlesta b'mod sħiħ u tiġi sottomessa lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni bil-mod hekk preskritt;

(f) kull arranġament magħmul skont dan is-subregolament għandu jkun validu sal-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jkun sar jew li għaliha ġie mġedded, u għandu jitqies li ġie mġedded għas-sena ta' wara, sakemm il-klijent, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Novembru tas-sena li fiha l-arranġament ikun fis-seħħ, ma jagħtix avviż bil-miktub lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li l-klijent ma jridx li l-imsemmi arranġament jiġġedded.

(21) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi għal fond mhux residenzjali,imkejjel separatament, għandu jiġi ffatturat skont ir-Raba' Skeda.

(22) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, l-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'fond residenzjali u f'fond domestiku,imkejjel separatament, għandu jiġi ffatturat skont il-Ħames Skeda.

Ftehimiet tal- Aġenzija.

**25.** L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jidħol fi Ftehim tal-Aġenzija ma' kwalunkwe persuna li fit-termini tagħha l-persuna msemmija tinħatar bħala aġent tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-finijiet tat-twettiq, f'isem l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, tal-kompiti preskritti fil-Ftehim tal-Aġenzija. L-imsemmija kompiti jistgħu jinkludu iżda mhux neċessarjament ikunu limitati għall-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' kejbils u, jew miters, ittestjar tal-miters, tiswijiet tal-ħsarat, qari regolari tal-miters, ġbir ta' drittijiet u trasferiment ta' drittijiet lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

Eżenzjoni mir-responsabbiltà.

**26.** L-uffiċjali u l-impjegati tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom skont l-Att, dawn ir-regolamenti jew kwalunkwe liġi oħra, ma għandhomx ikunu responsabbli għal kwalunkwe telf jew ħsara mġarrba minn kwalunkwe persuna minħabba xi ħaġa magħmula jew li ma ssirx in *bona fede* matul it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom kif imsemmi qabel.

Reati.

**27.** (1) Fejn rappreżentanti debitament awtorizzati tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkunu raġonevolment sodisfatti li miter tal-elettriku u, jew kwalunkwe apparat li huwa parti mill-installazzjoni jew mill-konnessjoni elettrika, ikun ġie mbagħbas, jew li klijent jew persuna tkun kisbet konnessjoni illegali, jew li klijent jew persuna tkun responsabbli għas-serq tal-elettriku, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkollu d-dritt li jaċċessa l-miter u l-partijiet tal-installazzjoni jew il-konnessjoni elettrika u:

(a) jissospendi immedjatament il-konnessjoni mal-miter, mal-installazzjoni elettrika jew mal-konnessjoni li tkun ġiet imbagħbsa, jew mal-klijent jew mal-persuna li tiddetermina li tkun kisbet il-konnessjoni illegali man-netwerk jew għas-serq, sa dak iż-żmien li l-klijent jew il-persuna kkonċernata tagħmel il-ħlasijiet kollha lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew, jekk l-imsemmija persuna tikkontesta l-allegazzjoni u, jew l-ammont dovut kif determinat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, sa dak iż-żmien meta tiġi solvuta t-tilwima;

(b) jitlob bil-miktub mingħand il-klijent jew persuni konċernati dwar il-ħlas tal-ammont li huwa kkalkulat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li għandu jkun dovut lilu għall-provvista ta' elettriku miksub bil-mod illegali msemmi f'dan ir-regolament, liema ammont għandu jkun ibbażat fuq perjodu massimu ta' ħames (5) snin, bl-imgħaxijiet ikkalkulati fuq il-bażi tar-rata stabbilita bir-regolament 20(4), u l-imgħax għandu jkompli jakkumula sakemm id-djun kollha jiġu finalment imħallsa;

(ċ) jitolb bil-miktub mingħand il-klijent jew mill-persuni konċernati l-ħlas addizzjonali ta' tariffa għas-saldu għad-danni potenzjali mġarrba mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ekwivalenti għal mitejn fil-mija (200%) tal-ammont dovut għall-provvista tal-elettriku miksub b'mod illegali;

(d) jitlob bil-miktub mingħand il-klijent jew persuni konċernati l-ammont dovut lilll-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni minħabba t-tneħħija tal-miter li jkun ġie

imbagħbas u, fejn applikabbli, l-installazzjoni mill-ġdid tal-miter; u

(e) fejn rappreżentanti debitament awtorizzati tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkunu raġonevolment sodisfatti li miter tal-elettriku jkun ġie mbagħbas permezz tal-istikers tal-indikazzjoni jew l-allarm tas-sigurtà, il-klijent għandu jħallas dritt amministrattiv kif stabbiliit fil-partita 18 tas-Sitt Skeda.

(2) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni mhux obbligat jerġa' jistabbilixxi l-konnessjoni sakemm l-ammonti kollha pagabbli jiġu saldati mill-klijent jew mill-persuni kkonċernati jew li ma jkunx sar ftehim bil-miktub mal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni li jirrikonoxxi l-ammonti dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni u li jistabbilixxi skeda għall-ħlas ta' dawn l-ammonti. Meta l-ammonti dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jkunu daqs, jew aktar minn ħamest elef euro ( €5,000), il-ftehim bil-miktub għandu jkun fil-forma ta' kostituzzjoni ta' debitu magħmul quddiem nutar pubbliku f'Malta.

(3) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni m'għandux ikun responsabbli għal kwalunkwe ħsara li tista' ssir mill-klijent jew mill-persuni konċernati waqt li jkun qed jieħu kwalunkwe azzjoni meħtieġa għat-tneħħija tal-miter jew ta' partijiet oħra tal- installazzjoni elettrika, jew kwalunkwe azzjoni oħra li tkun anċillari għaliha.

Kap. 387.

(4) Is-sejbiet skont tas-subregolament (1)(a) u s-somom dovuti lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni f'termini tas-subregolament (1)(b), (c) u (d) għandhom jiġu nnotifikati bil-miktub lill-klijent jew lill-persuna konċernata jew bil-posta reġistrata jew b'ittra uffiċjali, u kwalunkwe klijent jew persuna li tixtieq tikkontesta s-sejbiet jew kwalunkwe ammont dovut tista' tippreżenta talba skont l-Iskeda IV tal-Att dwar l-Arbitraġġ:

Iżda kwalunkwe proċeduri kriminali li jistgħu jiġu istitwiti fil-konfront tal-klijent jew tal-persuna konċernata għandhom ikunu indipendenti mill-proċeduri msemmija hawn fuq.

(5) Fil-każ ta' trasgressur ripetut fis-sens li l-persuna msemmija nstabet mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni f'okkażjoni waħda preċedenti li kienet responsabbli għas-serq tal-elettriku jew li kisbet provvista illegali ta' elettriku skont dan ir-regolament, l-imposta

għar-riżolviment li tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara potenzjali mġarrba mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandha tammonta għad-doppju tal-imposta li kienet tkun dovuta li kieku r-reat imsemmi kien l-ewwel reat ta' tali persuna.

(6) Fil-każ li l-awtur tar-reat ikun reċidiv minħabba li l-persuna msemmija tkun instabet mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni f'mill-inqas żewġ (2) okkażjonijiet preċedenti li kienet responsabbli għas-serq tal-elettriku jew li kisbet provvista illegali ta' elettriku skont dan ir-regolament, l-imposta għar-riżolviment li tagħmel tajjeb għal kwalunkwe ħsara potenzjali mġarrba mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandha tammonta għall-imposta li kienet tkun dovuta li kieku r-reat imsemmi kien l-ewwel reat immultiplikat bin-numru ta' drabi li l-awtur tar-reat instab responsabbli għas-serq tal-elettriku jew li kiseb provvista illegali tal-elettriku kif imsemmi qabel.

(7) Bla ħsara għar-regolament 27(1), fil-każ li miter jinstab miksur, l-ispiża ta' sostituzzjoni dettaljata fil-partita 19 tas-Sitt Skeda għandha tkun dovuta mill-klijent.

(8) Kwalunkwe persuna li, mingħajr skuża raġonevoli tirrifjuta li tippermetti aċċess għal kwalunkwe fond okkupat minn tali persuna lil uffiċjal jew persuna oħra awtorizzata mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għal kwalunkwe skop stabbilit fir-regolament 18(1), jew tfixkel jew tostakola uffiċjal jew persuna oħra hekk awtorizzata fit-twettiq ta' kwalunkwe att permess bir-regolament 18(1), għandha tkun ħatja ta' reat fil-konfrontta' dawn ir-regolamenti u għandha tkun soġġetta għal multa ta' mhux inqas minn mitejn euro (€200) u mhux aktar minn elf euro (€ 1,000) għal kull okkażjoni li fiha jseħħ rifjut ta' aċċess, tfixkil u, jew ostruzzjoni.

Tħassir u riżervi.
L.S. 545.01.

**28.** Ir-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku huma b'dawn imħassra mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħthom.

---

**L-EWWEL SKEDA**
(regolament 24)

Massimu

fond

(a) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-provvista tal-elettriku lill-fond residenzjali għandha tkun soġġetta għal dritt annwali ta' servizz ta' ħamsa u sittin euro (€65) għal konnessjoni ta' netwerk *single phase*, dritt ta' mija u erbgħin euro (€140) għal konnessjoni man-netwerk *three phase* ta' 40A u dritt ta' mija u ħamsa u disgħin euro (€195) għal konnessjoni ta' netwerk *three phase* ta' 60A; u

(b) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-provvista tal-elettriku lil fond residenzjali għandha tkun soġġetta għat-tariffa ta' konsum massimu li ġejja, li tista' tiġi ffatturata fuq bażi *pro rata*. L-imsemmija tariffa ta' konsum massimu għandha tkun ibbażata fuq konsum kumulattiv, li għandu jikkonsisti fl-ammonti derivati mill-applikazzjoni kumulattiva ta' kull wieħed mil-limiti li ġejjin, fis-sena:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Għal kull kWh tal-ewwel 2,000kWh | €0.1047; |
| ii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1298; |
| iii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1607; |
| iv. | Għal kull kWh tal-10,000kWh li jmiss | €0.3420; |
| v. | Għal kull kWh tal-konsum li jifdal | €0.6076. |

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, fond residenzjali b'konnessjoni man-netwerk *three phase* li taqbeż -60 Amps għal kull phase għandha tkun soġġetta wkoll għal tariffa ta' domanda massima bir-rata ta' wieħed u għoxrin euro u ħames ċenteżmi (€21.05) fis-sena għal kull kW tad-domanda massima fi kwalunkwe perjodu matul is-sena.

2. Metodoloġija għall-Kalkolu ta' Tariffi għall-Fond Residenzjali

(1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun intitolat li juża d-diskrezzjoni tiegħu dwar kif jikkalkula u jiffattura l-ammonti li jkunu derivati mill-applikazzjoni tat-tariffa tal-konsum massimu fil-partita (1)(b) tat-taqsima 1 fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ammont li jiġi fatturat mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għal perjodu ta' sena kalendarja ma għandux jeċċedi l-ammonti li jkunu derivati mill-applikazzjoni tat-tariffa massima hekk kif stabbilita mir-Regolatur skont ir-regolament **24** u fil-limiti stabbiliti fit-partita 1 hawn fuq; u

(b) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jżomm lir-Regolatur infurmat dwar kwalunkwe metodoloġija illi jaddotta sabiex jikkalkula u jiffattura t-tariffa tal-konsum fuq bażi *pro rata*.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-partita (1)(a) tat-taqsima 2, u li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jaddotta mekkaniżmu ta' aġġustament sabiex jassigura l-ħarsien tad-dispożizzjonijiet tal-partita (1)(a) tat-taqsima 2, kwalunkwe kont maħruġ mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, sew jekk għal perjodu *pro rata* ta' kwalunkwe sena kalendarja jew xort'oħra, għandu jkun dovut li jiġi mħallas sad-data indikata fuq l-istess kont mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, minkejja li tali kont jista' jkun jappartjeni biss għal parti minn sena kalendarja.

(3) Sabiex jagħti effett lid-dispożizzjonijiet tal-partita (1) tat-taqsima 2, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jagħmel ħiltu u juża kull proċedura raġonevoli, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sabiex jikseb il-qari attwali tal-konsum tal-klijent. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jkunx jista' jikseb l-imsemmi qari tal-konsum attwali għal raġunijiet li m'għandux kontroll fuqhom, hu jista' jistrieħ fuq stimi tal-konsum attwali tal-klijent.

(4) Fejn il-provvista tal-elettriku lil fond residenzjali tiġi pprovduta biss għal parti minn sena kalendarja, it-tariffa tal-konsum massimu għandha tiġi kkalkulata billi jiġu applikati l-limiti kumulattivi msemmija fil-partita (2) tat-taqsima 1 b'mod proporzjonat għall-jiem li fihom l-elettriku residenzjali fil-fatt jiġi fornut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, sabiex kull waħda mill-unitajiet (kWh) imsemmija fil-partita (2) tat-taqsima 1 għandha tiġi diviża bin-numru ta' jiem f'sena kalendarja u tiġi applikata kif xieraq għall-jiem li matulhom fil-fatt jiġi pprovdut servizz għall-postijiet residenzjali.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-provvista tal-elettriku lil fond residenzjali, li jiġi pprovdut lir-residenza prinċipali ta' individwu, għandu jkun eliġibbli għall-eco-reduction tal-ammont dovut għall-konsum tal-elettriku għall-perjodu kopert mill-kont, li għandha tiġi kkomputata skont ir-rati li ġejjin, fuq bażi *pro rata* tal-perjodu kopert mill-kont relattiv:

(a) meta individwu wieħed (1) biss ikun reġistrat f'konnessjoni man-netwerk f'fond il-klijent għandu jkun eliġibbli għall-eco-reduction ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ammont kollu dovut għall-konsum tal-elettriku għall-perjodu tal-kontijiet

inkwistjoni jekk il-konsum ma għandux jaqbeż il-konsum ekwivalenti *pro rata* ta' elfejn kWH (2,000kWh) fis-sena; jew

(b) meta aktar minn individwu wieħed (1) ikun reġistrat f'konnessjoni man-netwerk f'fond residenzjali, il-klijent għandu jkun eliġibbli għall-eco-reduction li ġejja:

fejn il-konsum għall-perjodu tal-kontijiet inkwistjoni ma jaqbiżx l-ekwivalenti *pro rata* ta' elf kWh (1,000kWh) fis-sena għal kull individwu reġistrat, eco-reduction ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-ammont kollu dovut għall-konsum tal-elettriku għall-perjodu inkwistjoni; jew

(ii) meta l-konsum, għall-perjodu tal-kontijiet inkwistjoni jaqbeż l-ekwivalenti *pro rata* ta' elf kWh (1,000kWh) fis-sena għal kull individwu rreġistrat iżda ma jaqbiżx, u lanqas ma jkun daqs, il-konsum ekwivalenti *pro rata* ta' elf seba' mija u ħamsin kWh (1,750 kWh) fis-sena għal kull individwu reġistrat, eco-reduction ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) għal dik il-parti tal-konsum li hija l-ekwivalenti *pro rata* ta' elf kWh (1,000kWh) fis-sena għal kull individwu rreġistrat u ta' ħmistax fil-mija (15%) għall-bqija li huwa l-konsum ekwivalenti *pro rata* ta' mhux aktar minn seba' mija u ħamsin kWh (750kWh) fis-sena għal kull individwu reġistrat għall-perjodu konċernat:

Iżda l-ebda individwu (1) ma għandu jiġi rreġistrat f'aktar minn fond residenzjali wieħed fl-istess ħin u li l-eco-reduction għandu japplika biss għar-residenza prinċipali ta' individwu reġistrat skont ir-regolament 24(15):

Iżda wkoll l-eco reduction tiġi kkalkulata fuq il-bażi ta' qari attwali tal-konsum

li jsir minn rappreżentant tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew fuq il-bażi ta' qari tal-klijent li jingħata lil rappreżentant tal-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni skond proċedura stabbilita mill-klijent reġistrat fuq is-servizz, u minkejja id-dispożizzjonijiet ta' liġijiet oħra, jekk għall-perjodu kopert mill-kont ma jkunx hemm qari attwali jew qari tal-klijent kif definit f'dan il-proviso, l-eliġibilità tas-servizz għall-eco reduction għal perjodu kopert mill-kont tintilef għalkollox.

(6) Ir-rati kollha ta' hawn fuq jinkludu t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

**IT-TIENI SKEDA**
(regolament 24)

Tariffi ta' Konsum Massimi

Il-provvista tal-elettriku lil fond mhux residenzjali għandha tiġi ffatturata, għal kwalunkwe perjodu li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' minn żmien għal żmien jiddetermina, skont id-drittijiet u t-tariffi li ma għandhomx jeċċedu dawn li ġejjin:

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-provvista tal-elettriku għal konnessjoni ta' netwerk *single phase* mhux residenzjali għandha tkun soġġetta għal dritt annwali ta' servizz ta' mija u għoxrin euro (€120) u konnessjoni ta' netwerk *three phase* mhux residenzjali għandha tkun soġġetta għal dritt annwali ta' servizz ta' tliet mija u sittin euro (€360).

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-provvista tal-elettriku lil fond mhux residenzjali għandha tkun soġġetta għal waħda (1) mit-tariffi ta' konsum annwali li ġejjin li jistgħu jiġu fatturati fuq bażi *pro rata*:

(a) Il-konsum tal-elettriku għandu jitkejjel f'kWh u għandu jiġi fatturat bit-tariffi massimi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Għal kull kWh tal-ewwel 2,000kWh | €0.1215; |
| ii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1275; |
| iii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1373; |
| iv. | Għal kull kWh tal-10,000kWh li jmiss | €0.1485; |
| v. | Għal kull kWh tal-40,000kWh li jmiss | €0.1613; |
| vi. | Għal kull kWh tal-40,000kWh li jmiss | €0.1500; |
| vii. | Għal kull kWh tad-900,000kWh li jmiss | €0.1403; |
| viii. | Għal kull kWh tal-4,000,000kWh li jmiss | €0.1275; |

| | | |
|---|---|---|
| ix. | Għal kull kWh tal-konsum li jifdal | €0.1080; |

(b) klijent f'fond mhux residenzjali b'konsum li jeċċedi 5,000,000kWh jista' japplika sabiex jiġi fatturat bir-rati ta' kWh ta' matul il-jum u ta' matul il-lejl skont it-tariffi massimi li ġejjin:

il-konsum matul il-jum għandu jkun soġġett għat-tariffi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Għal kull kWh tal-ewwel 2,000kWh | €0.1230; |
| ii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1290; |
| iii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1388; |
| iv. | Għal kull kWh tal-10,000kWh li jmiss | €0.1500; |
| v. | Għal kull kWh tal-40,000kWh li jmiss | €0.1628; |
| vi. | Għal kull kWh tal-40,000kWh li jmiss | €0.1515; |
| vii. | Għal kull kWh tad-900,000kWh li jmiss | €0.1418; |
| viii. | Għal kull kWh tal-4,000,000kWh li jmiss | €0.1290; |
| ix. | Għal kull kWh tal-konsum li jifdal | €0.1095; |

il-konsum matul il-lejl għandu jkun soġġett għat-tariffi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Għal kull kWh tal-ewwel 2,000kW | €0.0953; |
| ii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1013; |
| iii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1110; |

| | | |
|---|---|---|
| iv. | Għal kull kWh tal-10,000kWh li jmiss | €0.1223; |
| v. | Għal kull kWh tal-40,000kWh li jmiss | €0.1350; |
| vi. | Għal kull kWh tal-40,000kWh li jmiss | €0.1238; |
| vii. | Għal kull kWh tad-900,000kWh li jmiss | €0.1140; |
| viii. | Għal kull kWh tal-4,000,000kWh li jmiss | €0.1013; |
| ix. | Għal kull kWh tal-konsum li jifdal | €0.0818; |

(ċ) klijent f'fond mhux residenzjali li huwa gradat 'il fuq minn 100 Amps kull phase jista' japplika sabiex ikun imkejjel u fatturat f'kVAh bit-tariffi massimi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i. | GħGħal kull kVAh tal-ewwel 2,000 kVAh | €0.1118; |
| ii. | Għal kull kVAh tal-4,000 kVAh li jmiss | €0.1170; |
| iii. | Għal kull kVAh tal-4,000 kVAh li jmiss | €0.1260; |
| iv. | Għal kull kVAh tal-10,000 kVAh li jmiss | €0.1365; |
| v. | Għal kull kVAh tal-40,000 kVAh li jmiss | €0.1485; |
| vi. | Għal kull kVAh tal-40,000 kVAh li jmiss | €0.1380; |
| vii. | Għal kull kVAh tad-900,000 kVAh li jmiss | €0.1290; |
| viii. | Għal kull kVAh tal-4,000,000 kVAh li jmiss | €0.1170; |
| ix. | Għal kull kVAh tal-konsum li jifdal | €0.0990; |

(d) klijent f'fond mhux residenzjali li huwa gradat 'il fuq minn 100 Amps kull phase u li għandu konsum li jeċċedi 5,500,000kVAh jista' japplika sabiex jiġi ffatturat bir-rati kVAh ta' matul il-jum u ta' matul il-lejl bit-tariffi massimi li ġejjin:

il-konsum matul il-jum għandu jkun soġġett għat-tariffi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Għal kull kVAh tal-ewwel 2,000 kVAh | €0.1113; |
| ii. | Għal kull kVAh tal-4,000 kVAh li jmiss | €0.1185; |
| iii. | Għal kull kVAh tal-4,000 kVAh li jmiss | €0.1275; |
| iv. | Għal kull kVAh tal-10,000 kVAh li jmiss | €0.1380; |
| v. | Għal kull kVAh tal-40,000 kVAh li jmiss | €0.1500; |
| vi. | Għal kull kVAh tal-40,000 kVAh li jmiss | €0.1395; |
| vii. | Għal kull kVAh tad-900,000 kVAh li jmiss | €0.1305; |
| viii. | Għal kull kVAh tal-4,000,000 kVAh li jmiss | €0.1185; |
| ix. | Għal kull kVAh tal-konsum li jifdal | €0.1005; |

il-konsum matul il-lejl għandu jkun soġġett għat-tariffi li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Għal kull kVAh tal-ewwel 2,000 kVAh | €0.0855; |
| ii. | Għal kull kVAh tal-4,000 kVAh li jmiss | €0.0908; |
| iii. | Għal kull kVAh tal-4,000 kVAh li jmiss | €0.0998; |

| | | |
|---|---|---|
| iv. | Għal kull kVAh tal-10,000 kVAh li jmiss | €0.1103; |
| v. | Għal kull kVAh tal-40,000 kVAh li jmiss | €0.1223; |
| vi. | Għal kull kVAh tal-40,000 kVAh li jmiss | € 0.1118; |
| vii. | Għal kull kVAh tad-900,000 kVAh li jmiss | €0.1028; |
| viii. | Għal kull kVAh tal-4,000,000 kVAh li jmiss | €0.0908; |
| ix. | Għal kull kVAh tal-konsum li jifdal | €0.0728. |

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, fond mhux residenzjali b'konnessjoni ta' netwerk *three phase* li teċċedi s-60 Amps għal kull phase għandha tkun soġġetta wkoll għal tariffa ta' domanda massima bir-rati ta' konsum kumulattiv annwali li ġejjin:

(a) fejn il-konsum ma jeċċedix jew ikun ugwali għal 5,000,000kW, b'rata ta' għoxrin euro u ħamsin ċenteżmu (€ 20.50) għal kull kW tad-domanda massima fi kwalunkwe perjodu matul is-sena;

(b) fejn il-konsum ma jeċċedix jew ikun ugwali għal 5,500,00 kVA, b'rata ta' dsatax-il euro u għoxrin ċenteżmu (€19.20) għal kull kVA tad-domanda massima fi kwalunkwe perjodu matul is-sena;

(ċ) fejn il-konsum jeċċedi l-5,000,000kW jew 5,500,000kVA, b'rata ta' sbatax-il euro u għoxrin ċenteżmu (€17.20) tad-domanda massima fi kwalunkwe perjodu matul is-sena.

(4) Ir-rati kollha ta' hawn fuq jeskludu t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

2. Metodoloġija għall-Kalkolu ta' Tariffi

(1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun intitolat li juża d-diskrezzjoni tiegħu dwar kif jikkalkula u jiffattura l-ammonti derivati mill-applikazzjoni tat-tariffi tal-konsum għall-provvista tal-elettriku lil fond mhux residenzjali fil-partita (2) tat-taqsima 1 fuq bażi *pro rata*, b'tali mod li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun

intitolat ukoll li japporzjona l-limiti relattivi f'kull waħda mit-tariffi tal-konsum imsemmija fil-partita (2) tat-taqsima 1 għal perjodi speċifiċi ta' koperta mill-kont matul sena fid-diskrezzjoni tiegħu, u japplika tali limiti kif xieraq, fuq bażi *pro rata*:

Iżda l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jżomm lir-Regolatur infurmat bi kwalunkwe metodoloġija li jadotta sabiex jikkalkula u jiffattura t-tariffi tal-konsum fuq bażi *pro rata*.

(2) Kwalunkwe kont maħruġ mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għall-provvista tal-elettriku lil fond mhux residenzjali, kemm jekk għal perjodu *pro rata* ta' kwalunkwe sena kalendarja jew mod ieħor, għandu jitħallas fid-data kif indikata fuq il-kont mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, minkejja li tali kont jista' jirreferi biss għal parti minn sena kalendarja.

(3) Sabiex jagħti effett lid-dispożizzjonijiet tal-partita (1) tat-taqsima 2, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jagħmel ħiltu u juża kull proċedura raġonevoli kollha, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sabiex jikseb il-qari attwali tal-konsum tal-klijent. Meta l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jkunx jista' jikseb l-imsemmi qari tal-konsum attwali għal raġunijiet li ma għandux kontroll fuqhom, huwa jista', minn hemm 'il quddiem, joqgħod fuq stimi tal-konsum attwali tal-klijent.

(4) Meta l-provvista tal-elettriku lil fond mhux residenzjali tiġi pprovduta biss għal parti minn sena kalendarja, it-tariffi tal-konsum massimu għandhom jiġu komputati billi jiġu applikati l-limiti kumulattivi msemmija fil-partita (2) tat-taqsima 1 b'mod proporzjonat għall-jiem li matulhom il- provvista tal-elettriku lil fond mhux residenzjali fil-fatt tiġi pprovduta mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, b'tali mod li kull waħda mill-unitajiet (kWh jew kVAh) imsemmija fil-partita (2) tat-taqsima 1 għandha tiġi diviża bin-numru ta' jiem f'sena kalendarja u tiġi applikata kif xieraq għall-perjodu tal-kont li fihom attwalment ingħatat l-provvista tal-elettriku lil fond mhux residenzjali.

**IT-TIELET SKEDA**

(regolament 24)

1. Tariffi ta' Konsum Massimi

Il-provvista tal-elettriku lil fond domestiku għandha tiġi ffatturata, għal kwalunkwe perjodu li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista', minn żmien għal żmien jiddetermina, skont id-drittijiet u t-tariffi li ma għandhomx jeċċedu dawn li ġejjin:

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-provvista tal-elettriku lill-fond domestiku għandu jkun soġġett għall-dritt għas-servizz annwali li ġej:

(a) dritt ta' ħamsa u sittin euro (€65) għal konnessjoni ta' netwerk *single phase*; u

(b) dritt ta' mija u ħamsa u disgħin euro (€195) għal konnessjoni man-netwerk *three phase*.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, konnessjoni ta' netwerk ta' fond domestiku għandha tkun soġġetta għat-tariffa ta' konsum massimu li ġejja li tista' tiġi ffatturata fuq bażi *pro rata*. L-imsemmija tariffa ta' konsum massimu għandha tkun ibbażata fuq konsum kumulattiv, li għandu jikkonsisti fl-ammonti derivati mill-applikazzjoni kumulattiva ta' kull wieħed mil-limiti li ġejjin, fis-sena:

| | | |
|---|---|---|
| i. | Għal kull kWh tal-ewwel 2,000kWh | €0.1365; |
| ii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.1673; |
| iii. | Għal kull kWh tal-4,000kWh li jmiss | €0.2023; |
| iv. | Għal kull kWh tal-10,000kWh li jmiss | €0.4180; |
| v. | Għal kull kWh tal-konsum li jifdal | €0.6860. |

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, fond domestiku b'konnessjoni man-netwerk *three phase* liteċċedi 60 Amps għal kull phase għandha tkun soġġetta wkoll għal ħlas tat-tariffa ta' domanda massima bir-rata ta' wieħed u għoxrin euro u ħames ċenteżmi (€21.05) fis-sena għal kull kW tad-domanda massima fi kwalunkwe perjodu matul is-sena.

(4) Ir-rati kollha ta' hawn fuq jinkludu t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

2. Metodoloġija għall-Kalkolu ta' Tariffi

(1) L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jkun intitolat li juża d-diskrezzjoni tiegħu dwar kif jikkalkula u jiffattura l-ammonti derivati mill-applikazzjoni tat-tariffa tal-konsum fil-partita (2) tat-taqsima 1 fuq bażi *pro rata*:

Iżda:

(a) l-ammont li jħallas l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għal perjodu ta' sena kalendarja ma għandux jeċċedi l-ammonti derivati mill-applikazzjoni tat-tariffa massima kif stabbilita mir-Regolatur skont dawn ir-regolamenti u fil-limiti preskritti fit-taqsima 1; u

(b) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jżomm lir-Regolatur infurmat bi kwalunkwe metodoloġija li jadotta sabiex jikkalkula u jiffattura t-tariffa tal-konsum fuq bażi *pro rata*.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-partita (1)(a) tat-taqsima 2 u li l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' jaddotta mekkaniżmu ta' aġġustament biex jiżgura l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-partita (1)(a) tat-taqsima 2, kwalunkwe kont maħruġ mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, kemm għal perjodu *pro rata* ta' kwalunkwe sena kalendarja kif ukoll jekk le, għandu jitħallas fid-data kif indikata fuq il-kont mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, minkejja li tali kont jista' jirreferi biss għal parti minn sena kalendarja.

(3) Sabiex jagħti effett lid-dispożizzjonijiet tal-partita (2) tat-taqsima 2, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandu jagħmel ħiltu u juża kull proċedura raġonevoli kollha, skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, sabiex jikseb il-qari attwali tal-konsum tal-klijent. Fejn l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma jkunx jista' jikseb l-imsemmi qari tal-konsum attwali għal raġunijiet li m'għandux kontroll fuqhom, huwa jista', minn hemm'il quddiem, joqgħod fuq stimi tal-konsum attwali tal-klijent.

(4) Fejn il-provvista tal-elettriku lil fond domestiku tiġi pprovduta biss għal parti minn sena kalendarja, it-tariffi tal-konsum massimu għandhom jiġu komputati billi jiġu applikati l-limiti kumulattivi msemmija fil-partita (2) tat-taqsima 1 b'mod proporzjonat għall-jiem li matulhom il-provvista tal-elettriku lil fond domestiku fil-fatt tiġi pprovduta mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, b'tali mod li kull waħda mill-unitajiet (kWh) imsemmija fil-partita (2) tat-taqsima 1 għandha tiġi diviża bin-numru ta' jiem f'sena kalendarja u tiġi applikata kif xieraq għall-perjodu tal-kont li fihom attwalment ingħatat l-provvista tal-elettriku lil fond domestiku.

**IR-RABA' SKEDA**
(regolament 24)

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, is-servizz għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'fond mhux residenzjali għandu jkun soġġett għall-ħlas tad-drittijiet kull xahar li ġejjin:

(a) sitt euro (€6) fix-xahar dritt tas-servizz (VAT inkluża) f'każ ta' konnessjoni ta' netwerk *single phase*; u

(b) tmien euro (€8) fix-xahar ta' dritt tas-servizz (VAT inkluża) f'każ ta' konnessjoni man-netwerk *three phase*.

Fil-każ ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar pubbliċi tal-EV, id-dritt tas-servizz u t-tariffi fit-Tieni Skeda ma għandhomx japplikaw u d-drittijiet u t-tariffi f'din l-Iskeda għandhom japplikaw.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-konsum għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'fond mhux residenzjali, kif imkejjel mill-miter VE installat għal dan l-għan, u matul il-perjodi ta' ħin bejn nofsillejl (00:00 a.m.) u s-sitta neqsin minuta (05:59 a.m.) u bejn nofsinnhar (12:00 p.m.) u l-erbgħa neqsin minuta (15:59 p.m.), u l-Ħdud il-ġurnata kollha minn nofsillejl (00:00 a.m.) sa nofsillejl neqsin minuta (23:59 p.m.)tal-istess ġurnata, għandhom jiġu mħallsa bir-rata ta' żero punt wieħed, tnejn, disgħa, tmienja kull kWh ( €0.1298/kWh), li tinkludi l-VAT.

(3) Il-konsum tal-elettriku għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'fond mhux residenzjali

kif imkejjel mill-miter tal-vetturi elettriċi barra mill-perjodi ta’ ħin bejn nofsillejl (00:00 a.m.) u s-sitta neqsin minuta (05:59 a.m.), bejn nofsinnhar (12:00 p.m.) u l-erbgħa neqsin minuta (15:59 p.m.) u l-Ħdud il-ġurnata kollha bejn nofsillejl (00:00 a.m.) sa nofsillejl neqsin minuta (23:59 p.m.) tal-istess ġurnata, u kif imkejjel mill-miter installat għal dan l-għan, għandhom jiġu mħallsa bir-rata ta’ żero punt wieħed, erbgħa, tmienja, ħamsa kull kWh(€0.1485/kWh), li tinkludi l-VAT.

(4) Fejn il-miter tal-EV jiġi installat bħala miter supplimentari għall-miter ewlieni tal-konsum li jforni l-fond, il-konsum kif imkejjel mill-miter tal-EV għandu jitnaqqas għall-finijiet tal-fatturar mill-konsum imkejjel mill-miter tal-konsum ewlieni.

(5) Fil-każ ta’ stazzjonijiet tal-iċċarġjar pubbliċi tal-EV, għandhom japplikaw biss id-drittijiet tas-servizz u t-tariffi ta’ din l-Iskeda.

**IL-ĦAMES SKEDA**
(regolament 24)

(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dawn ir-regolamenti, is-servizz għall-iċċarġjar ta’ vetturi elettriċi f’fond residenzjali għandu jkun soġġett għall-ħlas tad-drittijiet tas-servizz ta’ kull xahar li ġejjin:

(a) erba' euro (€4) fix-xahar fil-każ ta' installazzjoni ta' *meter* tal-VE *single phase*; u

(b) sitt euro (€6) fix-xahar fil-każ ta' installazzjoni tal-*meter* tal-VE *three phase*.

(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, il-konsum għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'fond residenzjali, kif imkejjel mill-miter installat għal dan l-iskop, u matul il-perjodi ta' żmien bejn nofsillejl (00:00 a.m.) u s-sitta neqsin minuta(05:59 a.m.) u bejn nofsinnhar (12:00 p.m.) u l-erbgħa neqsin minuta(15:59 p.m.) u l-Ħdud il-ġurnata kollha bejn nofsillejl (00:00 a.m.) sa nofsinhar neqsin minuta (11:59 p.m.) tal-istess ġurnata għandhom jiġu ċċarġjati bir-rata ta' żero punt wieħed, tnejn, disgħa, tmienja kull kWh (€0.1298/kWh), li tinkludi l-VAT.

Kwalunkwe konsum ta' elettriku għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'fond residenzjali, kif imkejjel barra l-perjodi ta' żmien bejn nofsillejl (00:00 a.m.) u s-sitta neqsin minuta (05:59 a.m.) u bejn nofsinnhar (12:00 p.m.) u l-erbgħa neqsin minuta (15:59 p.m.) u l-Ħdud il-ġurnata kollha bejn nofsillejl (00:00 a.m.) sa nofsillejl neqsin minuta (23:59 p.m.) tal-istess ġurnata għandu jiżdied mal-konsum normali tas-servizz tal-fond residenzjali għall-perjodu rispettiv tal-kontijiet u jiġi ċċarġjat skont l-Ewwel Skeda.

Il-konsum imkejjel matul il-perjodi ta' żmien bejn nofsillejl (00:00 a.m.) u nofsinhar neqsin minuta (05:59 a.m.) u bejn nofsinnhar (12:00 p.m.) u l-erbgħa neqsin minuta(15:59 p.m.) u l-Ħdud il-ġurnata kollha bejn nofsillejl (00:00 a.m.) sa nofsillejl neqsin minuta (23:59 p.m.)tal-istess ġurnata mill-miter EV installat bħala miter supplimentari għall-miter ewlieni tal-konsum li jforni l-fond, għandu jitnaqqas għall-kontijiet proposti mill-konsum imkejjel mill-miter ewlieni tal-konsum.

**IS-SITT SKEDA**

(

1) Id-drittijiet tal-applikazzjoni għal konnessjoni ġdida man-netwerk huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Konnessjoni man-netwerk *single phase* | €300 |
| Konnessjoni man-netwerk *three phase* ta' 40A | €600 |
| Konnessjoni man-netwerk *three phase* ta' 60A | €900 |
| RES (PV, CHP, Turbina tar-Riħ) għal *single phase* | €50 |
| RES (PV, CHP, Turbina tar-Riħ) għal *three phase* | €150 |
| EV konnessjoni ta' ċċarġjar *single phase* f'fond residenzjali u, jew mhux residenzjali b'konnessjoni eżistenti man- netwerk *single phase* jew ta' *three phase* | €50 |
| EV konnessjoni ta' ċċarġjar *three phase* f'fond residenzjali u, jew mhux residenzjali b'konnessjoni eżistenti man-netwerk *three phase* | €80 |

(2) Id-drittijiet tal-applikazzjoni għal alterazzjoni ta' konnessjoni huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Sostituzzjoni ta' *single phase* bi *three phase* ta' 40A (żieda) | €600 għal kull metru |
| Sostituzzjoni ta' *single phase* bi *three phase* ta' 60A (żieda) | €900 għal kull metru |
| Sostituzzjoni ta' *three phase* b'*single phase* (tnaqqis) | €300 għal kull metru |
| Ċaqliq ta' *meter* | €200 għal kull metru |
| Żieda u ċaqliq | €900 għal kull metru |

| | |
|---|---|
| Żieda ta' pannelli fotovoltajċi fuq l-istess konnessjoni man-netwerk *single phase* | €50 |
| Żieda ta' pannelli fotovoltajċi fuq l-istess konnessjoni man-netwerk *three phase* | €150 |

(3) Id-dritt tal-applikazzjoni għat-tneħħija u, jew is-sostituzzjoni ta' konnessjoni man-netwerk kif mitlub mill-klijent huwa ta' ħamsa u ħamsin euro (€55).

(4) Id-drittijiet għal konnessjoni temporanja huma kif ġej:

| Tip ta' konnessjoni ta' servizz temporanju | | Dritt tal-applikazzjoni għal xahar | Dritt tal-applikazzjoni għal sitt xhur | Depożitu mal-konsum | Tiġdid tal-konnessjoni tan-netwerk | Tiġdid tal-konnessjoni tan-netwerk | Tneħħija |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Construction site | 40A single phase | | €250 | €1,000 | | €120 | |
| | 40A three phase | | €500 | €1,500 | | €150 | |
| | 60A three phase<br>or greater | | €750 | €2,500 | | €200 | |
| Boathouse | 40A single phase | | €460 | €500 | | | |
| Other | 40A single phase | €30 | | €30 | €30 | €180 | |
| | 40A three phase | €40 | | €40 | €40 | €240 | |
| | 60A three phase | €60 | | €60 | €60 | €360 | |
| | Greater than 60A three phase | €550 | | €450 | €60 | €360 | |

(5) Id-drittijiet għal applikazzjonijiet mhux konformi huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| L-applikazzjoni nstabet li mhijiex konformi waqt l-ivverifikar | €50 |
| L-applikazzjoni nstabet li mhijiex konformi matul il-forniment tal-konnessjoni man-netwerk | €50 |

(6) Dritt minimu ta' tliet mitt euro (€300) huwadovut għal installazzjoni li tkun instabet difettuża u li ma tkunx saret tajba għal konnessjoni man-netwerk fi żmien xahar (1) mid-data tal-ewwel test.

(7) Dritt ta' ħamsin euro (€50) huwa dovut għal kull test sussegwenti wara l-ewwel test meta l-installazzjoni tkun instabet għall-ewwel darba li kienet difettuża.

(8) Id-drittijiet għall-istudju tal-konnessjoni man-netwerk huma kif ġej:

| Kapaċità RES | Dritt għall-istudju dwar il-konnessjoni man-netwerk |
|---|---|
| 11kW u ≤ 40kW | €0 |
| > 40kW u ≤ 100kW | €150 |
| > 100kW u ≤ 500kW | €350 |
| 500kW u ≤ 3.2MW | €750 |
| 3.2MW u ≤ 8MW | €1,500 |
| > 8MW u ≤ 30MW | €2,500 |
| > 30MW | permezz ta' kwotazzjoni |

(9) Il-kontribuzzjoni ta' HV hija ta' mitejn euro (€200) għal kull kVA.

(10) Rifużjoni ta' HV fil-każ ta' substation iffinanzjata kompletament mill-klijent hija ta' mitejn euro (€200) għal kull kVA estiża għal applikanti ġodda.

(11) L-ammont ta' kumpens għall-art tas-substation għandu jkun determinat skont ir-regolament 14.

(12) Id-dritt għal miter nieqes huwa ta' elf u ħames mitt euro (1,500).

(13) Id-dritt għall-ittestjar tal-miter fejn jinstab li qed jirreġistra b'mod korrett huwa ta' sebgħin euro (€70).

(14) Id-drittijiet għall-qari speċjali tal-miter huwa kif ġej:

| | |
|---|---|
| Qari bejn is-7am u l-5pm | €25 |
| Qari bejn il-5pm u d-9pm | €50 |
| Qari bejn id-9pm u s-7am | €100 |
| Qari li sar fil-jiem mhux tax-xogħol | Id-drittijiet ta' hawn fuq għandhom jiġu rduppjati |

Id-drittijiet ta' hawn fuq għandhom jiġu rduppjati għal qari speċjali li jaqa' (anki jekk parzjalment) nhar ta' Sibt, Ħadd jew festa pubblika u, jew nazzjonali f'Malta.

(15) Id-drittijiet għall-konnessjoni mill-ġdid man-netwerk huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Konnessjoni mill-ġdid man-netwerk wara sospensjoni relatata ma' pagamenti u rifjut ta' sostituzzjoni tal-miter | €140 |
| Konnessjoni mill-ġdid man-netwerk wara s-sospensjoni minħabba s-sikurezza | €70 |

(16) Id-drittijiet għall-iskedar mill-ġdid ta' appuntament relatat ma' talba għal konnessjoni man-netwerk huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Skeda mill-ġdid ta' appuntament bejn it-8am u l-4pm fi kwalunkwe jum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, li ma tkunx festa pubblika u mhux wara l-perjodu ta' ħmistax (15)-il jum tax-xogħol tal-ewwel żjara skedata | €0 |

| | |
|---|---|
| Skeda mill-ġdid ta' appuntament bejn l-4pm u t-8pm fi kwalunkwe jum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, li ma tkunx festa pubblika jew bejn it-8am u l-4pm sakemm l-appuntament ma jaqbiżx il-perjodu ta' ħmistax (15)-il jum tax-xogħol tal-ewwel żjara skedata | €25 |
| Skeda mill-ġdid ta' appuntament bejn it-8am u l-4pm f'Ħadd jew f'festa pubblika, jew wara l-perjodu ta' ħmistax (15)-il jum ta' xogħol tal-ewwel żjara skedata | €50 |

(17) Id-drittijiet għat-tiswija li jikkonsisti fis-sostituzzjoni ta' fuse huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| Sostituzzjoni ta' fuse fil-fond tal-klijenti | €25 |
| Sostituzzjoni ta' aktar minn darba ta' fuse | €35 |
| Sostituzzjoni ta' fuse fis-substation | €35 |
| Difett minħabba l-installazzjoni interna tal-klijent | €50 |

(18) Id-dritt amministrattiv għall-miter li jinstab imbagħbas permezz tal-istiker tal-indikazzjoni jew l-allarm tas-sigurtà huwa ta' mija u erbgħin euro (140).

(19) L-ispiża tas-sostituzzjoni għal miter miksur hija kif ġej:

| | |
|---|---|
| Miter ta' single phase | €300 |
| Miter ta' three phase sa 100A | €900 |
| LV miter ta' three phase iktarminn100A | €2,000 |
| HV miter | |

| | |
|---|---|
| | €2,000 |

(20) It-telf tal-konnessjoni HV u MV għal kull miter tan-naħa LV huma kkalkulati bħala żero punt tlieta ħamsa fil-mija 0.35% tal-unitajiet kWh irreġistrati. (0.35% x unitajiet kWh).

(21) L-ispiża ta' installazzjoni u kontribuzzjoni HV li għandha titwettaq mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni għandha titħallas kif ġej:

(a) stimi sa elfejn u ħames mitt euro (€2,500) li għandhom jitħallsu b'mod sħiħ mal-kuntratt;

(b) stimi ta' aktar minn elfejn u ħames mitt euro ( €2,500) għandhom jitħallsu ħamsin fil-mija (50%) fuq kuntratt u ħamsin fil-mija (50%) qabel l-enerġizzazzjoni tal-estensjoni soġġetti għal depożitu minimu ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

(22) Fejn il-klijent jitlob lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni sabiex jiskeda mill-ġdid appuntament fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m. fi kwalunkwe jum mit-Tnejn sal-Ġimgħa, li ma tkunx festa pubblika, u mhux wara l-perjodu ta' ħmistax (15)-il jum tax-xogħol tal-ewwel żjara skedata, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni ma għandu joħroġ l-ebda ħlas;

(b) bejn l-4.00 p.m. u t-8.00 p.m. fi kwalunkwe jum mit-Tnejn sal-Ġimgħa li ma tkunx festa pubblika, jew bejn it-8.00 ta' filgħodu u l-4.00 pm tas-Sibt, sakemm l-appuntament ma jaqbiżx il-perjodu ta' ħmistax (15)-il jum tax-xogħol tal-ewwel żjara skedata, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' joħroġ ħlas ekwivalenti għal ħlas ta' wara s-sigħat ta' għaxar euro (€10); u, jew

(ċ) bejn it-8.00 a.m. u l-4.00 p.m. ta' Ħadd jew btala pubblika, jew wara l-perjodu ta' ħmistax (15)-il jum tax-xogħol mill-ewwel żjara notifikata, l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jista' joħroġ ħlas ekwivalenti għal dritt ta' ħamsa u għoxrin euro (€25) wara s-sigħat.

(23) Il-varjazzjoni massima ta' +10% fuq l-element tad-distanza hija kkalkulata kif ġej:

Distanza massima permessa = 30,000 Am diviża bir-*rating* tal-fuse mitlub;

Jekk id-distanza attwali mkejla diviża bid-distanza massima permessa tkun ta' 1.10 jew inqas, allura l-konnessjoni man-netwerk tiġi pprovduta bir-*rating* tal-fuse mitlub.

Jekk ikun akbar minn 1.10, irrepeti l-kalkoli bl-użu ta' *rating* ta'fuse aktar baxx li jmiss sakemm ir-riżultat ikun inqas jew ugwali għal 1.10.